| | | regolament 17(4) | "ħlas ta’ ħames liri lill-Awtorità bħala ħlas amministrattiv" | "ħlas ta’ ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) lill-Awtorità bħala ħlas amministrattiv" |
| | | regolament 17(5) | "għandu jkun ta’ għaxar liri fis-sena" | "għandu jkun ta’ tlieta u għoxrin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (23.25) fis-sena" |
| | | regolament 25(2) | "jitħallsu ħames liri lill-Awtorità, bħala ħlas amministrattiv" | "jitħallsu ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) lill-Awtorità, bħala ħlas amministrattiv" |
| | | regolament 26(3) | "multa ta’ mhux aktar minn ħamsa u għoxrin lira" | "multa ta’ mhux aktar minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| 17. | **Regolamenti dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Imdina L.S.65.27** | regolament 4(2) | "ħlas amministrattiv ta' lira" | "ħlas amministrattiv ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33)" |
| 18. | **Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur L.S.65.28** | regolament 4(2)(a)(i) | "il-ħlas amministrattiv ta' Lm5" | "il-ħlas amministrattiv ta' €11.65" |
| | | regolament 4(2)(b)(i) | "il-ħlas amministrattiv ta' Lm5" | "il-ħlas amministrattiv ta' €11.65" |
| | | regolament 4(2)(ċ)(i) | "ħlas amministrattiv ta' Lm5" | "ħlas amministrattiv ta' €11.65" |
| | | proviso għar-regolament 4(2) | "ħlas amministrattiv ta' Lm5" | "ħlas amministrattiv ta' €11.65" |
| | | regolament 7(4) | "dritt amministrattiv ta' Lm5 pagabbli lill-Awtorità, ta' Lm15 għall-valutazzjoni u spezzjoni tal-vettura u, fil-każ ta' vetturi kummerċjali dritt ta' spezzjoni ta' Lm10" | "dritt amministrattiv ta' €11.65 pagabbli lill-Awtorità, ta' €34.90, għall-valutazzjoni u spezzjoni tal-vettura u, fil-każ ta' vetturi kummerċjali dritt ta' spezzjoni ta' €23.25" |
| | | regolament 27(2) | "dritt ta' Lm2.50" | "dritt ta' €5.80" |
| | | regolament 29(2)(b) | "tad-dritt amministrattiv ta' Lm2.50" | "tad-dritt amministrattiv ta' €5.80" |
| | | regolament 32(4)(ċ) | "il-ħlas għat-trasferiment ta' Lm200" | "il-ħlas għat-trasferiment ta' €465.85" |
| | | proviso għar-regolament 32(4)(ċ) | "eżantat mill-ħlas ta' Lm200" | "eżantat mill-ħlas ta' €465.85" |

| LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|
| | regolament 38(2) | "Għandu jsir depożitu ta' Lm20" | "Għandu jsir depożitu ta' €46.59" |
| | regolament 51(6) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | regolament 51(7)(a) | "mhux aktar minn Lm 100" | "mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | regolament 51(7)(b) | "Lm 30" | "€69.88." |
| | regolament 51(7)(ċ) | "Lm 10" | "€23.29" |
| | regolament 51(7)(d) | "minn Lm 10 sa Lm 25" | "minn €23.29 sa €58.23" |
| | regolament 51(7)(e) | "minn Lm 10 sa Lm 25" | "minn €23.29 sa €58.23" |
| | regolament 51(7)(f) | "Lm 15" | "€34.94" |
| | regolament 51(7)(g) | "minn Lm 10 sa Lm 25" | "€23.29 sa €58.23" |
| | regolament 51(7)(h) | "minn Lm 10 to Lm 25" | "€23.29 sa €58.23" |
| | regolament 51(7)(i) | "minn Lm 10 to Lm 25" | "€23.29 sa €58.23" |
| | regolament 51(7)(j) | "minn Lm 10 to Lm 25" | "€23.29 to €58.23" |
| | regolament 51(7)(k) | "minn Lm 10 to Lm 25" | "€23.29 sa €58.23" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **19.** | **Regolamenti dwar Aċċess Kontrollat ta' Vetturi f'Ċerti Żoni L.S.65.31** | proviso għar-regolament 7 | "ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira" | "ammenda ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23)" |
| | | regolament 9(3) | "iżda l-ammont li jitħallas ma għandux jeċċedi s-somma ta' għoxrin lira f'xi sena waħda" | "iżda l-ammont li jitħallas ma għandux jeċċedi s-somma ta' sitta u erbgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (46.55) f'xi sena waħda" |
| | | regolament 10(6) | "il-ħlas ta' kull sena tad-dritt tar-reġistrazzjoni ta' għoxrin lira" | "il-ħlas ta' kull sena tad-dritt tar-reġistrazzjoni ta' sitta u erbgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (46.55) " |
| | | regolament 10(7) | "multa ta' mhux iżjed minn tliet mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81)" |
| | | regolament 11(3) | "(a) kontestazzjoni ta' kont/penalità sa Lm1 ........................... Lm0.50<br>(b) kontestazzjoni ta' kont/penalità bejn Lm1.01 u Lm4.99 ........................... Lm1.50<br>(ċ) kontestazzjoni ta' kont/penalità ta' Lm5.00 u aktar ......................... Lm5.00" | "(a) kontestazzjoni ta' kont/penalità sa €2.33 ....................... €1.16<br>(b) kontestazzjoni ta' kont/penalità bejn €2.35 u €11.62 ........................... €3.49<br>(ċ) kontestazzjoni ta' kont/penalità ta' €11.65u aktar ......................... .......€11.65" |
| | | regolament 13(1) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | | regolament 13(2) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **20.** | **Regolamenti dwar Drittijiet fil-Bord li jirregola l-Kera L.S.69.02** | regolament 2(a)(i) | "ma jkun sar fiha ebda tibdil strutturali u/jew żidiet wara l-1 ta' April, 1939, dritt ta' lira" | "ma jkun sar fiha ebda tibdil strutturali u/jew żidiet wara l-1 ta' April, 1939, dritt ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33)" |
| | | regolament 2(a)(ii) | "dritt ta' żewġ liri" | "dritt ta' erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66)" |
| | | regolament 2(b) | "dritt daqs xahar kera jew dritt ta' ħames liri" | "dritt daqs xahar kera jew dritt ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)" |
| **21.** | **Regolamenti dwar Tombli għall-Pubbliku L.S.70.02** | proviso tar-regolament 7 | "L-applikant għandu jħallas żewġ liri" | "L-applikant għandu jħallas erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66)" |
| | | proviso tar-regolament 8(1) | "ma tkunx iżjed minn erba' milleżmi kull kartella ta' sitt biljetti" | "ma tkunx iżjed minn ċenteżmu (0.01) għal kull kartella ta' sitt biljetti" |
| | | regolament 13 | "Lm" - kull fejn jinsabu | "€" - kull fejn jinsabu "Lm" |
| **22.** | **Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku L.S.70.03** | regolament 4(2) | "Il-biljetti tal-lottu għandhom ikunu tal-valuri li ġejjin:<br>10 ċenteżmi,<br>25 ċenteżmi,<br>50 ċenteżmi,<br>Lm1,<br>għal ġugata waħda, u<br>10 ċenteżmi magħmul minn tern wieħed u tliet għeniebi ta' 2c5 kull wieħed,<br>25 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed ta' 10 ċenteżmi u tliet għeniebi ta' 5 ċenteżmi kull wieħed, | "Il-biljetti tal-lottu għandhom ikunu tal-valuri li ġejjin:<br>23 ċenteżmu,<br>58 ċenteżmu,<br>€1.16,<br>€2.33,<br>għal ġugata waħda, u<br>23 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed u tliet għeniebi ta' 6 ċenteżmi kull wieħed,<br>58 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed ta' 47 ċenteżmu u tliet għeniebi ta' 12-il ċenteżmu kull wieħed, |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | | 50 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed ta' 20 ċenteżmu u tliet għeniebi ta' 10 ċenteżmi kull wieħed, | 1 euro u 16-il ċenteżmu magħmul minn tern wieħed ta' 47 ċenteżmu u tliet għeniebi ta' 23 ċenteżmu kull wieħed, |
| | | | Lml magħmul minn tern wieħed u tliet għeniebi ta' 25 ċenteżmu kull wieħed" | 2 euro u 33 ċenteżmu magħmul minn tern wieħed u tliet għeniebi ta' 58 ċenteżmu kull wieħed" |
| | | regolament 6(1) | "jaqbeż il-ħames mitt elf lira" | "jaqbeż miljun, mija u erbgħa u sittin elf, sitt mija u sitta u tmenin euro u sebgħin ċenteżmu (1,164,686.70)" |
| | | proviso tar-regolament 6(1) | "fejn il-limitu ta' ħames mitt elf lira jinqabeż" | "fejn il-limitu ta' miljun, mija u erbgħa u sittin elf, u sitt mija u sitta u tmenin euro u sebgħin ċenteżmu (1,164,686.70) jinqabeż" |
| | | regolament 6(2) | "ebda frazzjoni ta' ċenteżmu li ma taqbiżx ħames milleżmi li tagħmel sehem minn premju mnaqqas, u għandha titqies b'ċenteżmu kull frazzjoni ta' ċenteżmu li taqbeż ħames milleżmi li tagħmel parti minn premju imnaqqas" | "ebda frazzjoni ta' żewġ ċenteżmi (0.02) li ma taqbiżx ċenteżmu (0.01) li tagħmel sehem minn premju mnaqqas, u għandha titqies b'żewġ ċenteżmi (0.02) kull frazzjoni li taqbeż ċenteżmu (0.01) li tagħmel parti minn premju imnaqqas" |
| 23. | **Regolamenti dwar il-Ħlas ta' Dritt lill-Barklori L.S.73.01** | regolament 3 | "Għandu jitħallas dritt ta' 1ċ7 għal kull passiġġier li jimbarka jew jisbarka b'dan il-mod u ta' 3ċ3 għal kull passiġġier" | "Għandu jitħallas dritt ta' erba' ċenteżmi (0.04) għal kull passiġġier li jimbarka jew jisbarka b'dan il-mod u ta' tmien ċenteżmi (0.08) għal kull passiġġier" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **24.** | **Regolamenti dwar Drittijiet li jinġabru mill-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament L.S.79.02** | regolament 2 | "Għandu jinġabar dritt ta' ħamsin ċenteżmu" | "Għandu jinġabar dritt ta' euro u sittax-il ċenteżmu (1.16)" |
| **25.** | **Regolamenti għall-Esportazzjoni tal-Patata L.S.85.01** | regolament 20 | "Id-drittijiet li għandhom jitħallsu għall-ispezzjon ta' kollijiet huma dawn:<br>(i) għal kull koll li għandu piż nett ta' iktar minn *hundredweight*, żewġ milleżmi;<br>(ii) għal kull koll li għandu piż nett ta' *hundredweight* jew inqas, milleżmu:<br>Iżda d-dritt għall-ispezzjon ta' kull partita ma jkun qatt inqas minn 12ċ5." | "Id-drittijiet li għandhom jitħallsu għall-ispezzjon ta' kollijiet huma dawn:<br>(i) għal kull koll li għandu piż nett ta' iktar minn *hundredweight*, €0.005;<br>(ii) għal kull koll li għandu piż nett ta' *hundredweight* jew inqas, €0.002:<br>Iżda d-dritt għall-ispezzjon ta' kull partita ma jkun qatt inqas minn disgħa u għoxrin ċenteżmu (0.29)." |
| | | regolament 22 | "Għandu jitħallas dritt ta' żewġ milleżmi oħra" | "Għandu jitħallas dritt ta' €0.005 oħra" |
| | | regolament 26 | "Għandu jitħallas id-dritt ta' għoxrin lira" | "Għandu jitħallas id-dritt ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59)" |
| | | regolament 28 | "L-esportatur li jkollu bżonn jirrikorri lejn il-Bord ta' Arbitraġġ għandu jiddepożita għand l-ispettur dritt ta' ħlas bir-rata ta' ħames ċenteżmi għal kull koll, iżda l-inqas dritt f'din il-ħaġa għandu jkun ta' tliet liri" | "L-esportatur li jkollu bżonn jirrikorri lejn il-Bord ta' Arbitraġġ għandu jiddepożita għand l-ispettur dritt ta' ħlas bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull koll, iżda l-inqas dritt f'din il-ħaġa għandu jkun ta' sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **26.** | **Regolamenti għall-Esportazzjoni taż-Żerrirgħa tal-Kemmun L.S.85.02** | regolament 15 | "Għall-ispezzjoni għandu jitħallas id-dritt ta' erba' milleżmi għal kull xkora; u f'dan id-dritt ikun hemm ikkalkolat ukoll il-ħlas għall-eżami li jsir sabiex jinsab il-perċentaġġ ta' piż ta' ħwejjeġ barranin li jkun hemm fiż-żerriegħa tal-kemmun; iżda d-dritt għall-ispezzjoni ta' partita waħda ma għandux ikun inqas minn tnax-il ċenteżmu u ħames millеżmi. Jekk partita li tkun rifjutata għall-esportazzjoni terġa' tinġieb għall-ispezzjon wara li l-kemmun jerġa' jiġi magħżul, għandu jitħallas dritt ieħor ta' tnax-il ċenteżmu u ħames millеżmi għal din l-ispezzjoni" | "Għall-ispezzjoni għandu jitħallas id-dritt ta' ċenteżmu (0.01) għal kull xkora; u f'dan id-dritt ikun hemm ikkalkolat ukoll il-ħlas għall-eżami li jsir sabiex tinsab il-perċentwali ta' piż ta' ħwejjeġ barranin li jkun hemm fiż-żerriegħa tal-kemmun; iżda d-dritt għall-ispezzjoni ta' partita waħda ma għandux ikun inqas minn disgħa u għoxrin ċenteżmu (0.29). Jekk partita li tkun rifjutata għall-esportazzjoni terġa' tinġieb għall-ispezzjon wara li l-kemmun jerġa' jiġi magħżul, għandu jitħallas dritt ieħor ta' disgħa u għoxrin ċenteżmu (0.29) għal din l-ispezzjoni" |
| | | regolament 17 | "għandu jitħallas dritt ieħor ta' żewġ millеżmi" | "għandu jitħallas dritt ieħor ta' €0.005" |
| | | regolament 19 | "L-esportatur li jkollu bżonn jirrikorri lejn il-Bord ta' Arbitraġġ għandu jiddepożita għand l-ispettur dritt ta' ħlas bir-rata ta' ħames ċenteżmi għal kull koll. L-inqas dritt f'din il-ħaġa għandu jkun ta' tliet liri" | "L-esportatur li jkollu bżonn jirrikorri lejn il-Bord ta' Arbitraġġ għandu jiddepożita għand l-ispettur dritt ta' ħlas bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull koll. L-inqas dritt f'din il-ħaġa għandu jkun ta' sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |
| | | regolament 20 | "jitħallas id-dritt ta' tnax-il ċenteżmu u ħames millеżmi" | "jitħallas id-dritt ta' disgħa u għoxrin ċenteżmu (0.29)" |
| **27.** | **Regolamenti dwar l-Esportazzjoni tal-Basal L.S.85.03** | regolament 13 | "jintalab dritt għab-bażi ta' żewġ millеżmi kull dugħ tal-partita" | "jintalab dritt abbażi ta' €0.005 kull dugħ tal-partita" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | proviso tar-regolament 13 | "ma għandux ikun inqas minn tnax il-ċenteżmu u ħames milleżmi" | "ma għandux ikun inqas minn disgħa u għoxrin ċenteżmu (0.29)" |
| | | regolament 15 | "dritt ieħor ta' żewġ milleżmi għandu jintalab" | "dritt ieħor ta' €0.005 għandu jintalab" |
| | | regolament 20 | "Dritt bir-rata ta' ħames ċenteżmi kull koll għandu jiġi depożitat għand l-ispettur mill-esportatur li jkollu bżonn jirrikorri lejn il-Bord ta' Arbitraġġ. L-inqas dritt f'dan il-każ għandu jkun ta' tliet liri" | "Dritt bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) kull koll għandu jiġi depożitat għand l-ispettur mill-esportatur li jkollu bżonn jirrikorri lejn il-Bord ta' Arbitraġġ. L-inqas dritt f'dan il-każ għandu jkun ta' sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |
| **28.** | **Regoli dwar l-Esportazzjoni ta' l-Għeneb L.S. 85.05** | regola 14 | "Dritt kalkolat fuq il-bażi ta' żewġ milleżmi għal kull reċipjent eżaminat għandu jitħallas għall-ispezzjoni, salv li d-dritt għall-ispezzjoni ta' kull partita waħda jew parti minnha ma għandux ikun anqas minn ħamsa u għoxrin ċenteżmu" | "Dritt kalkolat fuq il-bażi ta' €0.005 għal kull reċipjent eżaminat għandu jitħallas għall-ispezzjoni, salv li d-dritt għall-ispezzjoni ta' kull partita waħda jew parti minnha ma għandux ikun anqas minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58)" |
| | | regola 18 | "Dritt bir-rata ta' ħames ċenteżmi kull koll għandu jiġi depożitat għand l-ispettur mill-esportatur li jkollu bżonn jirriferixxi lejn il-Bord ta' Arbitraġġ, iżda d-dritt ma għandu f'ebda każ ikun anqas minn tliet liri" | "Dritt bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) kull koll għandu jiġi depożitat għand l-ispettur mill-esportatur li jkollu bżonn jirriferixxi lejn il-Bord ta' Arbitraġġ, iżda d-dritt ma għandu f'ebda każ ikun anqas minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| 29. | **Regoli dwar l-Esportazzjoni bl-Ajru tad-Tadam L.S.85.07** | regola 12 | "dritt ta' ħamsin ċenteżmu għal kull tunnellata" | "dritt ta' euro u sittax-il ċenteżmu (1.16) għal kull tunnellata" |
| | | regola 13 | "għandu jiddepożita għand l-ispettur dritt bir-rata ta' ħames ċenteżmi għal kull pakk ta' tadam, liema depożitu ma għandu f'ebda każ ikun anqas minn tliet liri" | "għandu jiddepożita għand l-ispettur dritt bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull pakk ta' tadam, liema depożitu ma għandu f'ebda każ ikun anqas minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |
| 30. | **Regoli dwar l-Esportazzjoni tal-Bajd L.S.85.09** | regola 11 | "dritt ta' tmien milleżmi għal kull kaxxa ta' 360 bajda" | "dritt ta' żewġ ċenteżmi (0.02) għal kull kaxxa ta' 360 bajda" |
| | | regola 12 | "dritt bir-rata ta' ħames ċenteżmi għal kull kaxxa bajd, liema depożitu ma għandu fl-ebda każ ikun anqas minn tliet liri" | "dritt bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull kaxxa bajd, liema depożitu ma għandu fl-ebda każ ikun anqas minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |
| 31. | **Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika f'Għawdex L.S.92.01** | regolament 12 | "jista', barra minn dan, iwaħħal multa ta' seba' liri" | "jista', barra minn dan, iwaħħal multa ta' sittax-il euro u wieħed u tletin ċenteżmu (16.31)" |
| 32. | **Regolamenti dwar il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta L.S.92.03** | regolament 13 | "jista', barra minn dan, iwaħħlu multa ta' mhux iżjed minn ħames liri" | "jista', barra minn dan, iwaħħlu multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)" |
| 33. | **Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta L.S.92.06** | regolament 8 | "dik is-somma ta' flus li ma tkunx iktar minn ħames liri" | "dik is-somma ta' flus li ma tkunx iktar minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **34.** | **Regolamenti dwar Rati ta' Ħlas għal Fotokopjar u *Microfilming* fil-Librerija Nazzjonali L.S.92.08** | regolament 2 | "Fotokopjar<br>(i) kull paġna A4 page .................. 10c<br>(ii) kull paġna A3 page .................. 15c<br>*Microfilming*<br>(i) ħlas għal ċaqlieq ta' kull volum .......... Lm2.50c<br>(ii) għal kull *frame* .................. Lm0.10c<br>(iii) *duplicating microfilm* min-negattiv għal, pożittiv għal kull film Lm15.00" | "Fotokopjar<br>(i) kull paġna A4 page .................. 23ċ<br>(ii) kull paġna A3 page ................ 35ċ<br>*Microfilming*<br>(i) ħlas għal ċaqlieq ta' kull volum.... €5.82<br>(ii) għal kull *frame* .................. 23ċ<br>(iii) *duplicating microfilm* min-negattiv għal, pożittiv għal kull film ..........€34.94" |
| **35.** | **Regolamenti dwar il-Kunsill Mediku L.S.94.03** | regolament 10 | "jitħallas dritt ta' ħamsin ċenteżmu għal kull laqgħa tal-Kunsill li jattendi" | "jitħallas dritt ta' euro u sittax-il ċenteżmu (1.16) għal kull laqgħa tal-Kunsill li jattendi" |
| **36.** | **Regoli għat-Trobbija ta' l-Ifrat L.S.97.01** | regola 7 | "Id-dritt għal kull refgħa ma jistax ikun aktar minn ħmistax-il ċenteżmu" | "Id-dritt għal kull refgħa ma jistax ikun aktar minn ħamsa u tletin ċenteżmu (0.35)" |

## SKEDA III

## (Artikolu 4)

## Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Kapitoli tal-Liġijiet ta' Malta 51- 100

**1.** Il-Partijiet I u II ta' l-Iskeda ta' Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"SKEDA

Artikoli 81(3), 101(1), 104(1), u 146(1)

TARIFFA DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI

TAQSIMA I

DRITTIJIET U ĦLASIJIET AĊĊESSORJI LI JITĦALLSU LIN-NUTARA

**1.** In-nutar, għall-atti irċevuti jew awtentikati minnu, u għal servizzi professjonali oħra, ikun intitolat għad-drittijiet u ħlasijiet aċċessorji u għar-rimborż ta' spejjeż kif ġej:

(*a*) dritt fiss għall-atti ta' valur mhux determinabbli;

(*b*) dritt proporzjonat għall-valur ta' l-att;

(*ċ*) dritt għall-atti preparati fuq it-talba tal-partijiet u li ma jiġux pubblikati;

(*d*) dritt għall-kopji, estratti, riċerki, traduzzjonijiet, viżjonijiet, qari u kollazzjoni ta' atti;

(*e*) dritt għal servizzi oħra magħmula min-nutar fuq it-talba tal-partijiet jew skond ordni ta' xi awtorità ġudizzjarja;

(*f*) ħlasijiet aċċessorji u rimborż ta' spejjeż.

**I. Drittijiet Fissi**

| | |
|---|---|
| | € |
| 2. Testmenti Pubbliċi: | |
| Għad-disposizzjonijiet li jkun fihom l-istituzzjoni ta' werriet u d-disposizzjonijiet tas-soltu dwar il-funerali, jitħallew fid-diskrezzjoni tan-nutar skond iċ-ċirkostanzi tat-testatur .................................. minn | 2.33 |
| sa | 6.99 |
| b'żieda mad-drittijiet li ġejjin: | |
| Meta fit-testment ikun hemm iżjed minn istituzzjoni jew sostituzzjoni waħda, għal kull waħda ................................................. | 0.58 |
| Għal kull fondazzjoni ...................................................................... | 1.16 |
| Għal kull fondazzjoni marbuta b'ipoteka ......................................... | 1.75 |
| Għat-tħassir ta' disposizzjonijiet ta' qabel........................................ | 0.58 |
| Għal kull legat ta' valur mhux determinabbli .................................... | 0.70 |
| Għal kull legat - | |
| Jekk il-valur ma jkunx iżjed minn €46.59..................................... | 0.70 |

| | |
|---|---|
| Jekk il-valur ikun iżjed minn €46.59 imma mhux iżjed minn €116.47 ......... | 1.16 |
| Jekk il-valur ikun iżjed minn €116.47 - għal kull €46.59 oħra jew parti minnhom ......... | 0.35 |
| Meta l-legatarji jkunu tnejn jew iżjed, ikunu dovuti tant drittijiet daqskemm ikunu l-legatarji. | |
| Għan-nomina ta' esekutur ......... | 0.58 |
| Għan-nomina ta' tutur jew kuratur ......... | 0.58 |
| Għal kull dikjarazzjoni ......... | 0.58 |
| Għal kull dikjarazzjoni mwettqa bil-ġurament mit-testatur ......... | 0.58 |
| 3. Testmenti Sigrieti: | |
| Għall-formazzjoni minn nutar ta' testment sigriet, id-drittijiet ikunu l-istess bħal dawk speċifikati fil-paragrafu 2 dwar Testmenti Pubbliċi. | |
| Għall-att ta' kunsinna ta' testment sigriet inkluża t-traskrizzjoni li għandha tiġi mdaħħla fl-atti nutarili. ......... | 4.66 |
| Għall-pubblikazzjoni ta' testment sigriet (biż-żieda ma' l-ispejjeż u drittijiet aċċessorji) ......... | 4.66 |
| 4. Att ta' fondazzjoni, meta l-valur mhux determinabbli ......... | 3.49 |
| 5. Att ta' adozzjoni, emanċipazzjoni jew tagħrif ta' iben illeġittimu - Għal kull persuna adottata, emanċipata jew magħrufa ......... | 3.49 |
| 6. Kitba taż-żwieġ li jkun fiha dota ta' valur mhux determinabbli, tibdil jew kontra-dikjarazzjoni dwar kitba taż-żwieġ, separazzjoni personali jew separazzjoni tal-beni bejn ir-raġel u l-mara, tmiem ta' komunjoni ta' l-akkwisti ......... | 5.24 |
| 7. Kitba taż-żwieġ mingħajr kostituzzjoni ta' dota jew wegħda ta' dotarju .... | 3.49 |
| 8. Donazzjoni, transazzjoni, komunjoni jew qsim ta' mobbli jew immobbli, meta l-valur mhux determinabbli......... | 3.49 |
| 9. Depożitu ta' ħwejjeġ mobbli ta' valur mhux determinabbli, teħid lura ta' l-istess mingħand id-depożitarju ......... | 3.49 |
| 10. Nomina għal benefizzju partikolari jew donazzjoni tal-jedd tal-preżentazzjoni, ikun kemm ikun in-numru tal-patruni li jidhru fl-att...... | 3.49 |
| 11. Rinunzja meta wieħed jieħu l-voti reliġjużi ......... | 5.24 |
| 12. Att ta' soċjetà meta l-valur mhux determinabbli minn | 3.49 |
| sa | 10.48 |
| 13. Att rikonjitorju ta' subenfitewta ......... | 1.75 |
| 14. Protest kambjarju: | |
| Għal kull ammont sa €232.94 ......... | 1.75 |
| Għal kull ammont iżjed minn €232.94 iżda mhux iżjed minn €1,164.69 ........ | 2.80 |
| Għal kull ammont iżjed minn €1,164.69......... | 3.49 |
| 15. Nomina ta' arbitri ......... | 2.10 |
| 16. Att ta' rattifika, meta l-valur mhux determinabbli ......... | 2.68 |

17. "Att ta' notorjetà" .................................................................. 2.68

18. Transunt ta' dokumenti (b'żieda mad-drittijiet għad-dokumenti mdaħħlin ma' l-att) ........................................................................... 1.75

19. Wegħda ta' żwieġ .................................................................. 1.75

20. Ċertifikat bi prova li persuna hija ħajja jew li teżisti ................. 1.51

21. Rinunzja jew posponiment ta' jeddijiet ipotekarji, meta l-valur mhux determinabbli ........................................................................ 1.51

22. (*a*)Kull dikjarazzjoni jew konvenzjoni .................................... 1.75

(*b*)Kull dikjarazzjoni mwettqa bil-ġurament ............................. 1.51

23. Kull verbal ta' ġurament ......................................................... 1.46

24. Att ta' kunsens....................................................................... 1.75

25. Għall-formulazzjoni ta' prokura, inkluża kull awtentikazzjoni ta' firma jew marka meħtieġa .................................................... minn 2.33 sa 6.99

26. Awtorizazzjoni jew kunsens:

jekk tkun dwar ħaġa waħda biss ...................................................... 1.51

jekk tkun dwar diversi ħwejjeġ ....................................................... 2.10

jekk mogħtija fi kliem ġenerali mir-raġel lill-mara jew mill-missier lill-ibnu kummerċjant ........................................................................ 3.49

27. Irċevuta, fi kliem ġenerali, meta l-valur mhux determinabbli ..... 3.49

28. Għal kull att ieħor, meta l-valur mhux determinabbli ................ 3.49

29. Għall-awtentikazzjoni ta' firem jew marki-salib fuq xi skritturi li fihom xi att jew xi kuntratt ta' valur mhux determinabbli ................. 0.58

Meta l-iskrittura tkun magħmula f'żewġ oriġinali jew iżjed jew ikun fiha żewġ awtentikazzjonijiet distinti jew iżjed, id-dritt imsemmi jiżdied bi tmienja u ħamsin ċenteżmu għal kull oriġinal ieħor jew awtentikazzjoni oħra.

## II. Drittijiet skond il-Valur

30. Għal kull kuntratt ta' trasferiment, taħt kwalunkwe titolu, ta' proprjetà immobbli, ta' kostituzzjoni ta' renta, użufrutt, użu, abitazzjoni, servitù, ċessjoni, kostituzzjoni ta' dota, enfitewsi jew subenfitewsi, id-drittijiet għandhom jitħallsu skond il-valur kif ġej:

Għall-ewwel ammont ta' mhux iżjed minn €2,329.37 .............................1½%

Għal kull ammont addizzjonali iżjed minn €2,329.37 iżda mhux iżjed minn €69,881.20. .........................................................................................½%

Għal kull ammont addizzjonali iżjed minn €69,881.20 - €4.89 għal kull €2,329.37 jew parti minnhom.

Żewġ terzi ta' l-imsemmija drittijiet għandhom jitħallsu għal kuntratt ta' trasferiment ta' proprjetà mobbli, self, kostituzzjoni ta' dejn, pleġġerija, ipoteka b'att separat jew sostituzzjoni ta' dota.

L-imsemmija drittijiet jitħallsu wkoll jekk il-kuntratt ikun suġġett għal kondizzjoni sospensiva.

Fil-każ ta' atti ta' tpartit, l-imsemmija drittijiet għandhom jiġu ntaxxati fuq dik il-parti ta' immobbli jew mobbli imparta li jkollha l-aktar valur.

Fil-każ ta' atti ta' kostituzzjoni ta' renta jew ta' enfitewsi jew sub-enfitewsi, l-imsemmija drittijiet jiġu ntaxxati fuq il-valur li jirriżulta mill-kapitalizzazzjoni bit-tlieta fil-mija ta' l-ammont ta' kull sena tar-renta jew taċ-ċens rispettivament: iżda f'każ ta' enfitewsi jew sub-enfitewsi temporanja, dak id-dritt għandu jitnaqqas nin-nofs meta l-perijodu li għalih tingħata jew tiġi mtawwla l-enfitewsi jew is-sub-enfitewsi ma jkunx iżjed minn tletin sena.

Fil-każ ta' att ta' pleġġerija jew ta' ipoteka bħala aċċessorju għal xi obbligazzjoni li tinħoloq minn att separat, l-imsemmija drittijiet jiġu ntaxxati fuq il-valur ta' dik l-obbligazzjoni.

Għal kull att ta' trasferiment ta' xi qabar, sit jew spazju f'ċimiterju ....... €2.33

31. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 30 għandhom jitħallsu wkoll għal-

kull att ta' tnaqqis jew ta' fidwa ta' renta, fuq il-valur ta' l-ammont imnaqqas jew mifdi, kapitalizzat bit-3 fil-mija;

kull att ta' tnaqqis jew ta' fidwa ta' ċens, jew ta' rinunzja ta' enfitewsi, fuq il-valur ta' l-ammont taċ-ċens imnaqqas jew mifdi, kapitalizzat bit-3 fil-mija jew fuq il-prezz stabbilit għal dik ir-rinunzja;

kull att ta' soċjetà jew ta' komunjoni ta' beni, fuq il-valur tal-ħwejjeġ imdaħħla fis-soċjetà jew imqegħda fil-komunjoni, iżda d-dritt ma għandu jkun qatt anqas minn €2.33 ;

kull att ta' qsim, fuq il-valur tal-massa mingħajr tnaqqis tad-djun;

kull att ta' transazzjoni, fuq il-valur tal-ħwejjeġ li jkunu l-oġġett tagħha;

kull att ta' kostituzzjoni ta' dota, fuq il-valur tad-dota;

kull att ta' appalt ta' xogħlijiet jew *locatio operis* fuq il-prezz tax-xogħol imnaqqas għal terz, iżda d-dritt ma għandu jkun qatt anqas minn €2.33;

kull att ta' wegħda ta' dotarju jew ta' assigurazzjoni tad-dotarju jew tad-dota, fuq il-valur tad-dotarju, jew, skond il-każ, fuq il-valur tal-ħwejjeġ assenjati b'assigurazzjoni tad-dotarju jew tad-dota;

kull att ta' likwidazzjoni jew ta' inventarju, fuq il-valur tal-massa mingħajr tnaqqis tad-djun. Iżda, f'kull każ bħal dan, id-dritt jiġi mnaqqas għal nofs, imma d-dritt ma għandu jkun qatt anqas minn €2.33;

kull att ta' kiri, fuq l-ammont kollu ta' kera li jkollha titħallas imnaqqas b'nofs, iżda d-dritt ma għandu jkun qatt anqas minn €2.33 ;

kull att ta' rahan jew antikresi, fuq l-ammont tal-kreditu ikkawtelat bir-rahan jew bl-antikresi mnaqqas b'nofs, iżda d-dritt ma għandu jkun qatt anqas minn €2.33;

kull att ta' depożitu jew kunsinna ta' somom, valuri jew oġġetti oħra, ta' ħlas, ta' tiġdid taż-żmien għall-ħlas ta' irċevuta, ta' kunsens għal posponiment, ta' surroga, ta' tnaqqis jew tħassir ta' ipoteka, ta' ħlas jew imissjoni fil-pussess ta' legat, ta' ratifika, ta' rexxissjoni jew ħall ta' kull att ieħor, ta' rikonoxximent ta' kreditu ċedut, ta' wegħda ta' trasferiment jew ta' self: f'kull każ bħal dan id-dritt jitnaqqas għal terz, iżda qatt ma għandu jkun anqas minn euro u sittax-il ċenteżmu (1.16) iżda f'każ ta' atti ta' tħassir ta' ipoteka dwar atti ta' appalt ta' xogħlijiet jew *locatio operis*, dak id-dritt ma għandu jkun qatt aktar minn €2.33

32. Meta xi ħaġa msemmija fil-paragrafi 30 u 31 tkun tista' tifforma l-oġġett ta' skrittura privata, għall-awtentikazzjoni ta' firem jew ta' marki-salib fuq skritturi bħal dawk għandu jitħallas id-dritt kif imsemmi f'dawk il-paragrafi mnaqqas għal nofs, iżda ebda dritt addizzjonali ma għandu jitħallas għall-formulazzjoni ta' l-iskrittura privata, jekk tkun ġiet formulata min-nutar, u li d-dritt ma għandu jkun qatt anqas minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58).

Iżda wkoll, jekk dik l-iskrittura tkun miktuba f'żewġ oriġinali jew iżjed, jew ikun fiha żewġ awtentikazzjonijiet distinti jew iżjed, għandu jitħallas b'żieda ma' l-imsemmi dritt, dritt ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58) għal kull oriġinal ieħor jew awtentikazzjoni oħra.

**III. Drittijiet għal Atti jew Skritturi Privati preparati fuq talba tal-partijiet li ma jiġux pubblikati jew mhux iffirmati**

33. Għal kull att jew skrittura privata preparata min-nutar fuq talba tal-partijiet u li ma tiġix pubblikata jew iffirmata mingħajr ħtija tiegħu, in-nutar ikollu jedd għal żewġ terzi tad-dritt, li kieku kien imissu għall-pubblikazzjoni ta' dak l-att jew għall-firma ta' dik l-iskrittura privata b'żieda għar-rimborż ta' kull spiża magħmula minnu.

**IV. Drittijiet għal Kopji, Riċerki, Traduzzonijiet, Viżjonijiet, Qari u Kollazzjoni ta' Atti**

34. Għal kopji u estratti awtentikati min-nutar, għandu jitħallas dritt ta' tlieta u għoxrin ċenteżmu (0.23) għal kull paġna li jkun fiha miktuba bejn wieħed u ieħor mitt kelma, barra mid-dritt tat-traskrizzjoni ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull paġna minn dawn.

Kull paġna li jkun fiha miktuba ħames linji (id-data u l-firem esklużi) titqies bħala paġna sħiħa.

L-imsemmi dritt ma għandu jkun qatt anqas minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58).

Għal kull kopja jew estratt mhux awtentikati min-nutar, ukoll jekk magħmula mill-partijiet, u għal kull ġabra fil-qosor ta' att, l-imsemmi dritt għandu jitnaqqas għal nofs, iżda qatt ma għandu jkun anqas minn ħamsa u tletin ċenteżmu (0.35).

35. Għaċ-ċertifikazzjoni jew twettieq ta' eżattezza ta' kopji jew estratti minn kotba jew dokumenti miġjuba mill-partijiet skond l-artikolu 2(2)(*ġ*) ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili għandu jitħallas dritt ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58) b'żieda mad-dritt li jitħallas skond l-aħħar paragrafu qabel dan.

36. Għal kull ċertifikat li jwettaq traduzzjoni skond l-artikolu 2(2)(*h*) ta' l-imsemmi Att, għandu jitħallas dritt ta' tlieta u disgħin ċenteżmu (0.93) b'żieda mad-dritt ta' euro u sittax-il ċenteżmu (1.16) għal kull paġna li jkun fiha bejn wieħed u ieħor mitt kelma li għandha tiġi tradotta.

37. Għal riċerka ta' att, li jiġi indikat biss bis-sena li fiha jkun ġie irċevut, għandu jitħallas lin-nutar dritt ta' tnax-il ċenteżmu (0.12); jekk ir-riċerka tkun ta' sentejn jew iżjed, għandu jitħallas lin-nutar dritt ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għall-ewwel sena, u dritt ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull sena sussegwenti li għaliha ssir ir-riċerka.

Jekk ir-riċerka tkun għall-atti kollha irċevuti min-nutar, għandu jitħallas dritt ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull sena.

38. Għall-viżjoni u qari ta' att, jitħallas dritt ta' tnax-il ċenteżmu (0.12).

Jekk l-att, fuq talba tal-partijiet, jiġi moqri lilhom min-nutar, l-imsemmi dritt jiġi irduppjat.

Ma jitħallas ebda dritt għall-viżjoni ta' att, jekk il-parti tordna kopja jew estratt tiegħu jew

minnu.

L-istess drittijiet kif imsemmija qabel jitħallsu għall-kollazzjoni tal-kopja jew ta' l-estratt ma' l-att oriġinali meta dik il-kollazzjoni hija mitluba mill-partijiet wara li l-kopja jew l-estratt ikunu ġew awtentikati min-nutar.

Meta l-kollazzjoni, fuq talba tal-partijiet, għandha ssir ma' att depożitat fl-Arkivju, barra l-imsemmi dritt, in-nutar għandu wkoll jedd għad-dritt ieħor ta' attendenza u għal dritt ieħor kalkolat bir-rata ta' 23ċ kull nofs siegħa li jeħodlu dak ix-xogħol.

Għall-formazzjoni ta' att f'lingwa li ma tkunx il-Maltija jew l-Ingliża, inkluża t-traduzzjoni ta' dak l-att għall-Malti jew għall-Ingliż kif meħtieġ mil-liġi, in-nutar ikollu jedd għad-dritt li għandu jitħallas dwar l-att mizjud bi 30%.

## V. Drittijiet għal xogħolijiet oħra magħmula min-Nutar fuq talba tal-partijiet jew b'ordni ta' xi Awtorità ġudizzjarja

39. Għall-formazzjoni u firma ta' rikorsi fil-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, in-nutar ikollu jedd għall-istess drittijiet kif jitħallsu lill-avukati skond it-Tariffa E ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

40. Għall-formazzjoni ta' nota ta' denunzja ta' suċċessjoni jew ta' trasferiment ieħor taxxabbli taħt l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni,* in-nutar għandu jedd għall-istess drittijiet li jmissu lill-Avukat skond it-Tariffa E ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

41. Għal kull xogħol jew servizz ieħor magħmul min-nutar fuq it-talba tal-partijiet jew b'inkarigu ta' awtorità ġudizzjarja, id-dritt li jmiss lin-nutar għandu, f'każ ta' kwistjoni, jiġi ntaxxat mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, jew, skond il-każ, mill-qorti li tkun tat dak l-inkarigu, skond ma tkun ix-xorta tax-xogħol jew tas-servizz magħmul min-nutar.

## VI. Ħlasijiet aċċessorji

42. Meta għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu n-nutar ikollu jitlaq mill-uffiċċju tiegħu jew wieħed mill-uffiċċji tiegħu, barra mir-rimborż ta' l-ispejjeż kollha tat-traġitt, ta' l-ikel u ta' l-alloġġ, ikollu jedd għad-drittijiet li ġejjin:

Jekk il-post li fih għandu jmur hu mhux aktar bogħod minn tmien kilometri mill-uffiċċju tiegħu jew, skond il-każ, mill-eqreb uffiċċju tiegħu ............................. €1.16. Jekk id-distanza tkun iżjed minn tmien kilometri, iżda ma tinvolvix traġitt bejn żewġ gżejjer ........................................................................................ €2.33

Jekk in-nutar ikollu jagħmel traġitt bejn żewġ gżejjer............................... €6.99

Jekk l-attendenza tan-nutar tkun meħtieġa fil-ħinijiet ta' bil-lejl, l-imsemmi dritt ikun doppju.

"Ħinijiet ta' bil-lejl" tfisser il-ħinijiet bejn is-7.00 p.m. u t-8.00 am. matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu, u bejn it-8.00 p.m. u s-7.00 a.m. matul il-perijodu bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Settembru.

Ebda dritt ma jilħallas għal attendenza fir-Reġistru Pubbliku jew fil-qrati ta' ġustizzja biex tiġi preżentata xi nota.

43. Għar-reġistrazzjoni ta' atti u dokumenti skond l-artikolu 58 ta' l-Att imsemmi qabel, in-nutar għandu jedd għal dritt ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) għal kull paġna.

44. Għall-formazzjoni ta' kull nota ta' insinwa ta' testment pubbliku, ta' ftuħ ta' testment sigriet, ta' rinunzja magħmula meta wieħed jieħu l-voti reliġjuzi, ta' fondazzjoni, ta' kitba taż-żwieġ, mingħajr assenjazzjoni ta' immobbli, ta' kontra-dikjarazzjoni għal kitba ta' żwieġ, ta' separazzjoni personali u ta' tmiem tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għal kull nota oħra li għandha x'taqsam ma' xi att nutarili ta' valur mhux determinabbli, in-nutar ikollu jedd għal dritt ta' 58ċ

Għall-formazzjoni ta' kull nota ta' riferenza dwar ċessjoni jew tnaqqis, in-nutar ikollu l-jedd għal dritt ta' €1.75 barra mid-dritt ta' traskrizzjoni ta' 0.12ċ għal kull mitt kelma ikkopjata f'dik

*Imħassar bl-Att XVI ta l-1993. *Ara* l-Att ta l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364).

in-nota.

Għall-formazzjoni ta' kull nota ta' kanċellament, in-nutar ikollu jedd għal dritt ta' **0.58ċ** barra mid-dritt tat-traskrizzjoni ta' **0.12ċ** għal kull 100 kelma ikkopjata f'nota bħal dik.

Għall-formazzjoni ta' kull nota ta' insinwa ta' att, meta l-valur ikun determinabbli, jew ta' nota ta' iskrizzjoni jew tiġdid ta' iskrizzjoni ta' xi privileġġ jew ipoteka, in-nutar ikollu jedd għad-drittijiet li ġejjin fuq il-bażi tal-valur involut fil-każ ta' insinwa, jew ta' l-ammont tad-dejn fil-każ ta' iskrizzjoni jew tiġdid ta' iskrizzjoni:

| | € |
|---|---|
| meta l-valur jew l-ammont tad-dejn ma jkunx iktar minn 116.47 .......... | 0.35ċ |
| meta jkun iżjed minn €116.47 iżda mhux iżjed minn €232.94......... ............ | 0.47ċ |
| meta jkun iżjed minn €232.94 iżda mhux iżjed minn €582.34.......... ............ | 0.58ċ |
| meta jkun iżjed minn €582.34 iżda mhux iżjed minn €1,164.69 .................. | 0.70ċ |
| meta jkun iżjed minn €1,164.69 iżda mhux iżjed minn €1,747.03 ................ | 1.16 |
| meta jkun iżjed minn €1,747.03 iżda mhux iżjed minn € 2,329.37 ................ | 1.40 |
| meta jkun iżjed minn € 2,329.37 iżda mhux iżjed minn € 5,823.43.............. | 1.75 |
| meta jkun iżjed minn € 5,823.43 iżda mhux iżjed minn €11,646.87.............. | 2.33 |
| meta jkun iżjed minn €11,646.87 iżda mhux iżjed minn €17,470.30............. | 3.84 |
| meta jkun iżjed minn €17,470.30 iżda mhux iżjed minn €23,293.73............. | 3.49 |
| meta jkun iżjed minn €23,293.73 dritt inizjali ta' ....................... .......... | 3.49 |

Barra mid-dritt ta' ħamsa u tletin ċenteżmu għal kull €2,329.37 jew parti minn €2,329.37 , 'il fuq mill-ewwel €23,293.73.

Għal kull nota ta' insinwa li jkollha x'taqsam ma' renta jew pensjoni jew ta' iskrizzjoni jew tiġdid ta' iskrizzjoni ta' privileġġ jew ipoteka dwar dejn li jkun renta jew pensjoni, id-drittijiet stabbiliti fl-iskala ta' hawn fuq, jitħallsu kif ser jingħad hawn taħt, jiġifieri:

(*a*) jekk ir-renta tkun kostitwita in perpetwu jew għal għoxrin sena jew iżjed, jew għal żmien mhux determinat, id-dritt jiġi ntaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul il-perijodu ta' 20 sena;

(*b*) jekk ir-renta tkun kostitwita għal perijodu determinat ta' anqas minn għoxrin sena, id-dritt jiġi ntaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul dak il-perijodu;

(*ċ*) jekk ir-renta tkun kostitwita għal matul il-ħajja ta' persuna waħda jew iżjed, id-dritt jiġi ntaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul il-perijodu ta' tnax-il sena.

Għall-formazzjoni ta' kull nota msemmija fl-artikoli 47 u 49 ta' l-Att ġa msemmi jew għal kull nota oħra, dritt ta' ħamsa u tletin ċenteżmu jkun dovut lin-nutar.

Għal kull annotazzjoni fil-ġenb ta' att mitluba jew ordnata skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att, in-nutar jista' jitlob dritt ta' tlieta u għoxrin ċenteżmu.

## VII. Disposizzjonijiet ġenerali

45. F'kull każ mhux imsemmi espressament fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Tariffa, id-dritt li għandu jitħallas jiġi ntaxxat b'analoġija għall-każijiet imsemmija espressament f'dawk id-disposizzjonijiet.

Id-drittijiet li għandhom jitħallsu skond din it-Tariffa ma jiġux imnaqqsa minħabba li l-atti ma jkunux ġew ifformulati min-nutar li jkun irċevihom jew minħabba li jkunu ifformulati fuq formoli stampati.

TAQSIMA II

DRITTIJIET LI JITĦALLSU FL-ARKIVJI NUTARILI

46. (i) Għal kull kopja informi ta' atti nutarili jew parti minnhom li jkunu depożitati fl-Arkivji, jitħallas dritt ta' sebgħin ċenteżmu għal kull paġna; b'dan illi għal fotokopji informi ta' atti bħal dawk li jkunu meħtieġa minn min ikun qiegħed jagħmel riċerka għal skop għal kollox storiku, letterarju, jew xjentifiku u minn min ikun awtorizzat għaldaqshekk bis-saħħa tal-partita 49 ta' din l-Iskeda, għandu jitħallas dritt bir-rata mnaqqsa ta' tnax-il ċenteżmu għal kull paġna, sa massimu ta' tlett mitt paġna kopji għal kull sena li tkun.

(ii) Għal kull kopja informi, li tiġi esegwita f'għamla miktuba bl-id jew bit-typewriter meta dan jitqies li jkun possibbli mill-arkivist, ta' atti nutarili jew parti minnhom li jkunu depożitati fl-Arkivji, jitħallas dritt ta' euro u sittax-il ċenteżmu għal kull paġna ta' madwar mitt kelma.

(iii) Meta dawk il-fotokopji jew kopji ikollhom jiġu awtentikati mill-arkivist, id-dritt li jitħallas jiżdied b'sebgħa u erbgħin ċenteżmu għal kull paġna fil-każijiet kollha; iżda meta dawk il-kopji li jkollhom jiġu awtentikati jiġu mħejjija minn terzi, id-dritt li jitħallas għall-awtentikazzjoni tagħhom ikun ta' euro u sittax-il ċenteżmu għal kull paġna ta' madwar mitt kelma.

(iv) Meta fit-tħejjija ta' kopji miktuba bl-id jew bit-*typewriter*, ikunu jenħtieġu esperti sabiex id-dokument oriġinali jiġi traskritt u/jew deċifrat, id-drittijiet li jitħallsu lil dawk l-esperti jitħallsu b'żieda mad-drittijiet imsemmija qabel.

47. Għall-viżjoni jew qari ta' att nutarili miżmum fl-Arkivju, jitħallas dritt ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu tmienja u ħamsin ċenteżmu, li minnhom sebgħa u erbgħin ċenteżmu jinżammu mill-Arkivju u tnax-il ċenteżmu jitħallsu lill-konservatur jew arkivist ta' dawk l-atti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 104(1).

Ebda dritt ma jitħallas għall-viżjoni ta' att jekk il-parti tordna kopja jew estratt tiegħu. Iżda meta fuq talba ta' persuna, att nutarili jinqara lil dik il-persuna minn wieħed mill-impjegati fl-Arkivju, jitħallas dritt ta' sebgħin ċenteżmu għall kull nofs siegħa jew parti minnha li fiha jsir dan l-eżerċizzju.

Ebda dritt ma jinġabar min-nutar għall-viżjoni jew qari ta' atti riċevuti minnu jew min-nutar li huwa konservatur ta' l-atti tiegħu, iżda dak in-nutar iħallas id-dritt dovut għall-kopji jekk huwa jordna li jsiru kopji tagħhom.

48. Għar-riċerka ta' att li tiegħu hu konservatur l-arkivist, dritt ta' tlieta u għoxrin ċenteżmu jitħallas lill-arkivist għal kull sena tar-riċerka.

49. Ebda dritt ma jitħallas għall-viżjoni jew qari ta' att jew għal riċerki magħmula biss għal skop storiku, letterarju jew xjentifiku, minn persuni awtorizzati speċjalment għaldaqshekk mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili jew mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-affarijiet nutarili kif delegat mill-imsemmi Ministru għal dan il-għan, bil-parir tal-Kunsill Nutarili u ta' l-arkivist:

Iżda dawk il-persuni awtorizzati għandhom jippreżentaw lill-Arkivji kopja jew rapport tar-riżultati tar-riċerki li jkunu għamlu ta' kull sena u kopja jew rapport oħrajn lill-Kunsill Nutarili, u fin-nuqqas il-faċilitajiet tar-riċerka jistgħu jiġu irtirati.

50. Għall-attendenza ta' l-arkivist fil-każ ta' att li jkollu jittieħed barra mill-Arkivju, jitħallas dritt ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu lill-Arkivju mill-persuna li fl-interess tagħha l-att ikun hekk ittieħed barra.".

**2.** L-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, Kap. 56 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA

TARIFFA

(Artikolu 3)

A. Privileġġi u Ipoteki

| | € |
|---|---|
| 1. Għal kull nota ta' iskrizzjoni jew tiġdid ta' iskrizzjoni meta l-ammont tal-kreditu - | |
| (a) ma jkunx iżjed minn €2,329.37 ..................................... | 2.33 |
| (b) ikun iżjed minn €2,329.37 iżda mhux iżjed minn €46,587.47 | 23.29 |
| (ċ) ikun iżjed minn €46,587.47 .................................................... | 23.29 |
| u tiħallas żieda ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) dwar kull €,2,329.37, jew parti minn €2,329.37 'l fuq mill-ewwel €46,587.47 | |
| (d) ma jkunx iddikjarat ............................................................ | 2.33 |
| Għal kull nota ta' iskrizzjoni meta l-kreditu hu għall-ħlas ta' kull sena jew ta' pensjoni, id-drittijiet miġjubin fl-iskala ta' hawn fuq għandhom jitħallsu kif sejjer jingħad hawn, jiġifieri: | |
| (a) jekk il-ħlas ta' kull sena hu ikkostitwit in perpetwu jew għal għoxrin sena jew iżjed, jew għal żmien indeterminat, id-dritt jiġi intaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul iż-żmien ta' għoxrin sena; | |
| (b) jekk il-ħlas ta' kull sena hu ikkostitwit għal żmien determinat anqas minn għoxrin sena, id-dritt jiġi intaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul dak iż-żmien; | |
| (ċ) jekk il-ħlas ta' kull sena hu ikkostitwit għal matul il-ħajja ta' persuna waħda jew iżjed, id-dritt jiġi intaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul iż-żmien ta' tnax-il sena. | |
| 2. Għal kull annotazzjoni ta' ċessjoni, tnaqqis, jew tħassir inkluża r-riferenza relattiva li għandha ssir fir-reġistri .................... | 3.49 |

B. INSINWI

| | |
|---|---|
| 8. Għal kull nota ta' insinwa ta' testment pubbliku, u għal kull nota ta' insinwa tal-ftuħ ta' testment sigriet, u għal kull nota li jkun fiha dikjarazzjoni causa mortis ..................................................... | 5.82 |
| 9. Għal kull nota ta' rinunzja magħmula fl-okkażjoni li wieħed jagħmel il-voti ta' reliġjuż, ta' fondazzjoni, ta' kitba taż-żwieġ mingħajr assenjazzjoni ta' stabbli, ta' kontro-dikjarazzjoni f'kitbiet ta' żwieġ, ta' firda personali u ta' tmiem tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għal kull nota oħra li għandha x'taqsam ma' prokuri, atti nutarili, sentenzi u digrieti ta' qorti, ta' valur mhux determinat ........ | 2.33 |
| 10. Għal kull nota oħra li għandha x'taqsam ma att nutarili, sentenza jew digriet ta' qorti, meta l-valur hu determinat: | |
| (a) ma jkunx iżjed minn €2,329.37 ............................................. | 2.33 |
| (b) ikun iżjed minn €2,329.37 iżda mhux iżjed minn €46,587.47 .... | 23.29 |

(ċ) ikun iżjed minn €46,587.47 .................................................. 23.29

u titħallas żieda ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) dwar kull €,2,329.37 , jew parti minn €,2,329.37, 'il fuq mill-ewwel €46,587.47.

Għal kull nota ta' insinwa li għandha x'taqsam ma' ħlas ta' kull sena jew pensjoni, id-drittijiet miġjubin fl-iskala ta' hawn fuq jitħallsu kif sejjer jingħad hawn taħt, jiġifieri:

(a) jekk il-ħlas ta' kull sena hu ikkostitwit in perpetwu, jew għal għoxrin sena jew iżjed, jew għal żmien determinat, id-dritt jiġi ntaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul iż-żmien ta' għoxrin sena;

(b) jekk il-ħlas ta' kull sena hu ikkostitwit għal żmien determinat ta' anqas minn għoxrin sena, id-dritt jiġi intaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul dak iż-żmien;

(ċ) jekk il-ħlas ta' kull sena hu ikkostitwit għal matul il-ħajja ta' persuna waħda jew iżjed, id-dritt jiġi intaxxat fuq l-ammont kollu li għandu jitħallas matul iż-żmien ta' tnax-il sena.

11. Għal kull riferenza li għandha ssir fir-reġistri...................... 1.16

## Ċ. APPLIKAZZJONIJIET, RIĊERKI U ĊERTIFIKATI

Ċ1. Għal kull applikazzjoni għal riċerka ta' iskrizzjoni kontra persuna partikolari jew kumpannija (fejn il-partikolaritajiet ma jaqblux, għandhom isiru żewġ applikazzjonijiet jew aktar u għandhom jitqiesu li kienu dejjem meħtieġa), iżda meta l-applikazzjoni ssir minn dipartiment tal-gvern id-dritt għandu jonqos bin-nofs .......................................................................... 14.40

U b'żieda, għandu jitħallas:

(a) għal kull kopja, irrispettivament mill-għadd ta' paġni, ta' nota ta' preferenza, riferenza, insinwa jew record ieħor li jkun parti mir-riċerka ......................................................... 2.89

Iżda meta l-applikant,

(i) jordna kopji minn sit fil-bogħod, ukoll meta l-kopja ma tkunx tifforma parti mir-riċerka; jew

(ii) jidħol f'sit mill-bogħod biex jivverifika l-istat ta' l-applikazzjonijiet li jkollu għar-riċerki,

ebda ħlas ieħor ma għandu jiġi impost ħlief dak dovut għall-kopja jew riċerka skond il-każ;

(b) meta, bħala parti mir-riċerka, minflok kopja sħiħa tan-nota, tingħata biss indikazzjoni tagħha, bħalma hi "GPP" li tfisser garanzija ta' paċifiku pussess, "D/M" li tfisser maternità differenti, jew xi nota simili minflok il-kopja sħiħa .............. 0.86

Ċ2. Meta l-applikazzjoni tkun tirreferi għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni ta' riċerki mhux komputerizzati, b'żieda ma' l-inqas dritt għall-applikazzjoni msemmi fil-paragrafu Ċ1 ta' din l-Iskeda, kif ukoll b'żieda mal-ħlas imsemmi fl-istess paragrafu kull meta xi nota partikolari ma tkunx reġistrata fir-riċerki ppreżentati għall-verifika u ċertifikazzjoni, u bħala riżultat tal-verifika u ċertifikazzjoni, tiġi pprovduta kopja tan-nota li jonqos mar-riżultat, inkluż il-kontroll ta' noti ta' riferenza dwar xi noti ta' preferenza partikolari li ma jagħmlux parti minn applikazzjoni għal riċerka uffiċjali, ħlas, għal kull tqabbila, kif ġej:

(a) għall-ewwel 99 tqabbila ..................................................... 0.44

(b) meta l-għadd ikun ta' 100 tqabbila iżda ma jeċċedix il-200, ħlas għal tqabbbil f'dan il-marġni ........................................ 0.14

| | |
|---|---|
| (ċ) meta l-għadd ikun ta’ 200 tqabbila iżda ma jeċċedix il-500, ħlas għal tqabbbil f’dan il-marġni ........................................ | 0.12 |
| (d) meta l-għadd ikun ta’ 500 tqabbila iżda ma jeċċedix l-1000, ħlas għal tqabbbil f’dan il-marġni ........................................ | 0.09 |
| (e) meta l-għadd ta’ tqabbiliet ikun ta’ 1000 jew fuqhom, ħlas għal tqabb-bil f’dan il-marġni .............................................. | 0.07 |
| Ċ3 Talba biex tiġi aġġornata riċerka uffiċjali u maħruġa matul id-disgħin ġurnata minnufih qabel it-talba ..................................... | 3.75 |
| Ċ4 Għal ċertifikat speċjali (Ċertifikat tar-Reġistru Pubbliku) ta’ iskrizzjoni maħruġ bħala vera kopja ta’ iskrizzjoni wara talba ad hoc għalih skond l-artikolu 30 ta’ l-Att, u li ma jkunx jagħmel parti minnu riċerka uffiċjali .................................................................. | 3.49 |
| Ċ5 Għal kull ċertifikat dwar testmenti magħmul minn xi persuna partikolari, ikun xi jkun l-għadd ta’ paġni (inkluż id-dritt għar-riċerka): | |
| (a) meta applikazzjoni ma tkunx teħtieġ riċerka f’records li jmorru ’l hinn mill-1972 ...................................................... | 8.15 |
| (b) f’kull każ ieħor .................................................................. | 11.65 |
| Ċ6 Applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala aġent .................... | 11.65 |
| Ċ7 Meta persuna tagħmel xi arranġament mad-Direttur li permezz tiegħu d-Direttur ikollu jagħtiha kopji tan-noti ta’ preferenza kollha li dik il-persuna tista’ tkun parti fihom matul is-sitt xhur li jiġu minnufih wara dak l-arranġament, għal kull kopja informi irrispettivament mill-għadd ta’ paġni, sakemm l-għadd ta’ kopji ordnati jkunu iżjed minn 50 .................................................. | 0.61 |
| Ċ8 Għal dħul fl-iskrizzjonijiet minn sit fil-bogħod, il-ħlas għal kull riċerka li ssir skond il-parametri tat-Taqsimiet A jew B tat-Tieni Skeda li tinsab ma’ dan l-Att sa massimu ta’ ħamsin iskrizzjoni f’xi waqt wieħed ..... | 12.00 |
| Iżda, irrispettivament mill-għadd ta’ records elettroniċi aċċessibbli, meta l-applikant jagħżel li jillimita l-aċċess, il-ħlas għandu jkun, meta dawk ir-records ikopru l-aħħar - | |
| (a) 30 jum attwalment aċċessibbli .................................... | 2.40 |
| (b) 90 jum attwalment aċċessibbli .................................... | 4.80 |
| (ċ) 120 jum attwalment aċċessibbli .................................. | 7.20 |

---

**3.** L-artikolu 6(1)(a) ta’ l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, Kap. 58, għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

(*a*) uffiċjal illi l-*maximum* ta’ l-iskala tas-salarju tiegħu (jew is-salarju tiegħu effettiv kemm-il darba dan ma jkunx fuq skala li tiżdied) jiskorri l-ammont miġjub fl-ewwel kolonna iżda ma jiskorrix dak tat-tieni kolonna, għandu jħallas skond ir-rata fis-sena miġjuba fit-tielet kolonna korrispondenti -

| L-Ewwel Kolonna | It-Tieni Kolonna | It-Tielet Kolonna |
|---|---|---|
| €58.23 | €174.70 | €2.91 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | €174.70 | €291.17 | €5.82 |
| | €291.17. | €407.64. | €8.74 |
| | €407.64. | €524.11 | €11.65 |
| | €524.11 | €640.58 | €14.56 |
| | €640.58 | €757.05 | €17.47 |
| 'il fuq minn | €757.05 | € - | €20.38". |

**4.** L-Iskeda ta' l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, Kap. 58, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

**"SKEDA**

**Sunt tar-Regoli**

**A.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI META JKUN GĦAŻEB.

I. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-EWWEL MARA.

(A) *Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsa fiż-żmien li jkun għażeb.*

(B) *Pensjoni għall-kontribuzzjoni ta' kull sena li tkun qiegħda titħallas fid-data taż-żwieġ.*

(Ċ) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda jew tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara.*

II. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA

(D) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda jew tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l- kontribwent ikun armel.*

(E) *Tibdil fil-pensjoni minħabba li l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ.*

(F) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda jew tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ mat-tieni mara jew ma' mara ta' żwieġ ieħor wara.*

Kalkolu tal-Pensjonijiet Reġistrati.

**B.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI JKUN MIŻŻEWWEĠ

III. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-EWWEL MARA.

(Ġ) *Pensjoni għall-kontribuzzjoni kurrenti, ta' kull sena fid-data li tibda ssir il-kontribuzzjoni.*

(Ħ) *Pensjoni skond l-artikolu 15* (*a*) *ta' dan l-Att.*

(I) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda jew tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara.*

IV. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA.

(J) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun armel.*

(K) *Tibdil fil-pensjoni minħabba li l-kontribwent jerga' jiżżewweġ.*

(L) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena*

*fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ mat-tieni mara jew ma' mara ta' żwieġ ieħor wara.*

**Ċ.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI JKUN ARMEL.

V. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA.

**D.** PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA

VI. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA WARA L-MEWT TAL-KONTRIBWENT ARMEL.

(M) *Meta l-iltiema huma tfal ta' mara waħda.*

(N) *Meta l-iltiema mhumiex tfal minn mara waħda.*

VII. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA META L-ARMLA TMUT JEW TERĠA' TIŻŻEWWEĠ.

VIII. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA WARA L-MEWT TAL-KONTRIBWENT MIŻŻEWWEĠ.

Kalkolu tal-Pensjonijiet Reġistrati

**E.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI BEDA JIKKONTRIBWIXXI FL-ETÀ TA' 60 SENA JEW WARA, TAĦT L-ARTIKOLU 5(2).

**F.** UFFIĊJAL PUBBLIKU MIŻŻEWWEĠ JEW ARMEL BI TFAL TA' ETÀ PENSJONABBLI ITTRASFERIT FIS-SERVIZZ TA' KOLONJA INGLIŻA OĦRA.

IX. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-BENEFIĊJARJA.

(O) *Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fi żmien is-servizz fil-Gvern.*

(P) *Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin wara t-trasferiment f'Kolonja Ingliża oħra.*

**A** saċ-**Ċ** u **E**. - KALKOLU TAl-PENSJONIJIET REĠISTRATI.

Għandu jinżamm reġistru li fih għandhom jitniżżlu l-partikularitajiet kollha dwar kull kontribwent. Fil-każ ta' kontribwent miżżewweġ jew armel il-pensjoni reġistrata għandha tiġi ikkalkulata u mniżżla hekk kif huwa jsir kontribwent u kull meta jkun hemm tibdil fir-rata tal-kontribuzzjoni.

Il-kalkolu tal-pensjoni reġistrata jsir skond ir-Regoli li ġejjin -

DIREZZJONIJIET U REGOLI LI GĦANDHOM JITĦARSU FIL-KALKOLU TAL-PENSJONIJIET REĠISTRATI.

**A.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI META JKUN GĦAŻEB.

NOTA 1. Ebda pensjoni reġistrata m'għandha titniżżel sakemm il-kontribwent jibqa' għażeb.

I. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-EWWEL MARA.

NOTA 2. L-ammont ta' l-ewwel pensjoni reġistrata li għandu jitniżżel wara ż-żwieġ jinsab

billi jingħaddu flimkien: (A) il-pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien li l-kontribwent ikun għażeb; u (B) il-pensjoni għall-kontribuzzjonijiet kurrenti ta' kull sena fid-data taż-żwieġ.

(A) *Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin mill-kontribwent fiż-żmien li jkun għażeb.*

REGOLA 1. Iġbor flimkien il-kontribuzzjonijiet bl-imgħax kompost tas-6% sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u immoltiplika r-riżultat bil-kwantità li toħroġ mit-Tabella A korrispondenti għall-età li jkollhom ir-raġel u l-mara meta, wara li jiżżewġu, jagħlqu sninhom l-ewwel darba.

Id-doppju ta' dak li joħroġ minn din il-moltiplikazzjoni, jagħti l-pensjoni reġistrata għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien li l-kontribwent ikun għażeb. Ara (A) Eż. I.

REGOLA 2. Fil-każ ta' ħlas ta' kontribuzzjoni b'rata doppja, taħt l-art. 6 (1) (*b*), iġbor flimkien dawn il-kontribuzzjonijiet bl-imgħax kompost tas-6 fil-mija sal-3l ta' Diċembru ta' kull sena, u immoltiplika r-riżultat bil-kwantità li toħroġ mit-Tabella A, korrispondenti għall-età li jkollhom ir-raġel u l-mara, meta, wara li jiżżewġu, jagħlqu sninhom l-ewwel darba.

Ir-riżultat ta' din il-moltiplikazzjoni, immoltiplikat bi 3/2 jagħti l-pensjoni reġistrata għall-kontribuzzjonijiet b'rata doppja mħallsin fiż-żmien li l-kontribwent ikun għażeb. Ara (A) Eż. II u Nota 5.

(B) *Pensjoni għall-kontribuzzjoni ta' kull sena li tkun titħallas fid-data taż-żwieġ.*

REGOLA 3. Ara Tabella B, u immoltiplika l-ammont tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena bil-kwantità li toħroġ minn dik it-Tabella, korrispondenti għall-età li jkollhom ir-raġel u l-mara meta, wara li jiżżewġu, jagħlqu sninhom l-ewwel darba.

Id-doppju ta' dan ir-riżultat jagħti l-pensjoni reġistrata għall-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fid-data taż-żwieġ. Ara (B) Eż. I.

REGOLA 4. Fil-każ ta' kontribuzzjoni b'rata doppja taħt l-artikolu 6 (1) (*b*), ara t-Tabella B, u immoltiplika l-ammont tat-total tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena bil-kwantità li toħroġ minn dik it-Tabella, korrispondenti għall-età li jkollhom ir-raġel u l-mara meta, wara li jiżżewġu, jagħlqu sninhom l-ewwel darba.

Ir-riżultat ta' din il-moltiplikazzjoni, immoltiplikat bi 3/2, jagħti l-pensjoni reġistrata għall-kontribuzzjoni totali kurrenti ta' kull sena fid-data taż-żwieġ. Ara (B) Eż. II u Nota 5.

NOTA 3. L-ammont tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena jinsab billi wieħed jimmoltiplika bi 12 l-ammont ta' l-aħħar kontribuzzjoni li titħallas fix-xahar.

(Ċ) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara.*

REGOLA 5. Ara t-Tabella B, u immoltiplika l-ammont taż-żieda jew tat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena bil-kwantità li toħroġ mit-Tabella, korrispondenti għall-età li jkollhom ir-raġel u l-mara meta, wara t-tibdil tal-kontribuzzjoni, jagħlqu sninhom l-ewwel darba.

Id-doppju ta' dan ir-riżultat jagħti l-ammont li għandu jiżdied mal-pensjoni reġistrata jew li għandu jitnaqqas minnha, skond il-każ, minħabba ż-żieda jew it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena. Ara (i) u (ii) Eż. III.

REGOLA 6. Fil-każ ta' kontribuzzjoni b'rata doppja taħt l-artikolu 6 (1) (*b*), minflok ma tirdoppja r-riżultat li joħroġ mill-applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu tar-Regola 5, immoltiplika dak ir-riżultat bi 3/2, u r-riżultat jagħti l-ammont totali li għandu jiżdied mal-pensjoni reġistrata jew li għandu jitnaqqas minnha, minħabba ż-żieda jew it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni sħiħa kurrenti ta' kull sena. Ara (i) u (ii) Eż. IV u Nota 5.

NOTA 4. Il-waqfien mill-ħlas tal-kontribuzzjoni, tkun liema tkun ir-raġuni, qabel it-tmiem taż-żmien kollu li fih għandha ssir il-kontribuzzjoni, għandu jitqies bħala tnaqqis mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena, daqs l-ammont ta' dik il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena. Ara (iii) Eż. III u IV.

NOTA 5. (1)Fil-każ ta' kontribuzzjoni *extra* taħt l-art. 6 (1) (*b*), il-kontribuzzjoni sħiħa hija d-doppju ta' dik taħt l-art. (6) (1) (*a*), basta li l-pensjoni li toħroġ mill-kontribuzzjoni sħiħa ma

tkunx iżjed minn €279.52 fis-sena. Jekk il-pensjoni tkun tiskorri €279.52 fis-sena, il-kontribuzzjoni *extra* għandha tinġieb li tkun tikkorrispondi mad-differenza meħtieġa sabiex il-pensjoni tilħaq il-*maximum* ta' €279.52 fis-sena stabbilit fl-artikolu 15 (*b*). Ara Eż. V.

(2) Iżda, kemm-il-darba l-istess *maximum* ta' €279.52 fis-sena jinqabeż fil-każijiet ta' kontribuzzjoni bir-rata ordinarja, il-pensjoni reġistrata għandha tiġi mnaqqsa sa €279.52 fis-sena, iżda m'għandu jsir ebda tnaqqis fil-kontribuzzjoni. Ar2a Eż. VIII.

(3) L-ammont li għandu jitnaqqas mill-kontribuzzjoni *extra* jinsab kif miġjub fl-Eż. V.

II. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA.

(D) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda jew tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun armel.*

REGOLA 7. Issoponi li l-kontribwent iżżewweġ mara ta' età daqs dik li kienet tilħaq il-mara tiegħu ta' qabel li kieku għexet sad-data tat-tibdil tal-kontribuzzjoni, u imxi bħal fir-Regola 5, jew bħal fir-Regola 6, skond il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena. Ara (D) Eż. VI.

(E) *Tibdil fil-pensjoni minħabba li l-kontribwent jerga' jiżżewweġ.*

NOTA 6. Ebda tibdil fil-pensjoni reġistrata m'għandu jitniżżel jekk il-mara tat-tieni żwieġ, jew ta' żwiġijiet oħra wara, tkun, fid-data li tagħlaq sninha, l-ewwel darba wara ż-żwieġ, ta' l-istess età li l-mara ta' qabel kienet tilħaq li kieku għexet sa dik id-data.

REGOLA 8. Fil-każ li l-mara tat-tieni żwieġ, jew ta' żwiġijiet oħra wara, tkun ta' età *iżgħar* jew *akbar* meta, wara li tiżżewweġ, tagħlaq sninha l-ewwel darba, milli l-mara ta' qabel kienet tilħaq kieku għexet sa dik id-data, immoltiplika l-ammont tal-pensjoni reġistrata bil-kwantità li toħroġ mit-Tabella D korrispondenti għall-età li jkollu r-raġel meta, wara ż-żwieġ, jagħlaq sninu l-ewwel darba, u l-età li l-mara ta' qabel kien ikollha fl-ewwel egħluq ta' sninha f'dak iż-żmien li kieku għexet sa dik id-data; immoltiplika dan ir-riżultat bil-kwantità li toħroġ mit-Tabella A korrispondenti għall-età li jkollhom ir-raġel u l-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra wara, meta, wara li jiżżewġu, jagħlqu sninhom l-ewwel darba.

Dan ir-riżultat jagħti l-pensjoni reġistrata li għandha tiġi mniżżla fid-data ta' dak inhar il-kontribwent jerġa' jiżżewweġ. Ara (E) Eż. VI.

(F) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena, fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ mal-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra wara.*

REGOLA 9. Imxi bħal fir-Regola 5, jew ir-Regola 6, skond il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena. Ara Eż. III u IV.

**B.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI JKUN MIŻŻEWWEĠ.

III. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-EWWEL MARA.

NOTA 7. Fil-każ ta' uffiċjal pubbliku li jibda jikkontribwixxi fiż-żmien li jkun miżżewweġ, il-mara, fiż-żmien tal-bidu tal-kontribuzzjoni, titqies bħala l-ewwel mara tiegħu, u ebda partikularità m'għandha titniżżel dwar ebda mara oħra tiegħu ta' qabel, ħlief jekk ikun hemm tfal ta' età pensjonabbli minn dik il-mara ta' qabel. (Ara D. - Pensjoni lit-Tfal Iltiema).

(Ġ) *Pensjoni minħabba l-kontribuzzjoni ta' kull sena, kurrenti fid-data tal-bidu tal-kontribuzzjoni.*

REGOLA 10. Imxi skond ir-Regola 3, jew ir-Regola 4, skond il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena. Ara (Ġ) Eż. VII.

(Ħ) *Pensjoni skond l-art. 15* (*a*) *ta' l-Att.*

REGOLA 11. Fil-każ ta' dawn l-uffiċjali l-pensjoni reġistrata ta' l-ewwel hija -

(Ġ) *Pensjoni taħt ir-Regola 10, u ma' din*

(Ħ) *sebgħa minn erbgħin tas-salarju fid-data li beda jseħħ dan l-Att, basta li dan l-aħħar ammont f'ebda każ ma jiskorri* €139.76 - art. 15(a) - u basta wkoll li f'ebda każ pensjoni reġistrata totali li tinġabar taħt dik ir-Regola ma tiskorri s-somma ta €279.52 fis-sena - art.

15(b) - Jekk, fil-każ ta' kontribuzzjoni b'rati extra taħt l-artikolu 6(1)(b) jinqabeż dan il-maximum, il-kontribuzzjoni extra jitnaqqas kif jingħad fin-Nota 5. Ara Eż. VIII.

(I) Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara.

REGOLA 12. Imxi bħal fir-Regola 5, jew fir-Regola 6, skond il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena, iżda kemm-il darba jinqabeż il-maximum ta' €279.52 fis-sena, il-kontribuzzjoni extra, jekk ikun hemm, titnaqqas kif jingħad fin-Nota 5.

IV. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA

(J) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun armel.*

REGOLA 13. Imxi bħal fir-Regola 7.

(K) *Tibdil fil-pensjoni minħabba li l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ.*

REGOLA 14. Imxi bħal fir-Regola 8.

(L) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ mal-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra wara.*

REGOLA 15. Imxi bħal fir-Regola 5, jew fir-Regola 6, skond il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

**Ċ.**UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI JKUN ARMEL.

V. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA.

REGOLA 16. Għall-kalkolu tal-pensjoni reġistrata, issoponi li l-mara mejta għexet sad-data tal-bidu tal-kontribuzzjoni u li mietet minnufih wara; imbagħad imxi skond ir-Regoli li jgħoddu għall-każijiet ta' uffiċjali li bdew jikkontribwixxu fiż-żmien li kienu miżżewġa, jiġifieri, skond ir-Regola 10, jew ir-Regola 11, kif ikun il-każ.

**D.**PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA.

VI. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA WARA L-MEWT TAL-KONTRIBWENT ARMEL.

(M) *Meta l-iltiema huma tfal minn mara waħda.*

REGOLA 17. Qassam l-ammont tal-pensjoni reġistrata tal-kontribwent armel f'ishma ndaqs bejn it-tfal li jkollhom jedd f'dak iż-żmien. Ara Eż. IX.

(N) *Meta l-iltiema mhumiex tfal minn mara waħda.*

NOTA 8. Ir-Regoli hawn miġjuba jikkuntemplaw il-każ ta' żewġ nisa biss.

REGOLA 18. (1)Qassam indaqs bejn it-tfal ta' l-ewwel mara li f'dak iż-żmien ikollhom jedd, *nofs* il-pensjoni li kienet tmiss lit-tieni mara kieku baqgħet ħajja wara l-kontribwent.

(2) Qassam indaqs bejn it-tfal tat-tieni mara li f'dak iż-żmien ikollhom jedd, *nofs* il-pensjoni li kienet tmiss lit-tieni mara kieku hija baqgħet ħajja wara l-kontribwent, u kieku ma kienx hemm tfal ta' l-ewwel mara li jkollhom jedd għal pensjoni.

(3) Hekk kif it-tfal kollha ta' l-ewwel jew tat-tieni mara jispiċċaw li jkollhom jedd għal pensjoni, qassam indaqs bejn it-tfal tal-mara l-oħra li f'dak iż-żmien ikollhom jedd, il-pensjoni sħiħa li kienet tmiss lil din il-mara l-oħra kieku baqgħet ħajja wara l-kontribwent, u kieku ma kienx hemm tfal, ħlief tagħha, li jkollhom jedd għal pensjoni.

VII. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA FIL-KAŻ LI L-ARMLA TMUT JEW TERĠA' TIŻŻEWWEĠ

REGOLA 19. Qassam indaqs il-pensjoni ta' l-armla bejn it-tfal tagħha li jkollhom jedd f'dak

iż-żmien. Ara Eż. X.

VIII. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA WARA L-MEWT TAL-KONTRIBWENT MIŻŻEWWEĠ

REGOLA 20. Fil-każ ta' kontribwent li jmut u jħalli armla, kif ukoll tfal minn żwieġ ta' qabel, qassam indaqs bejn it-tfal tal-mara l-oħra li jkollhom jedd f'dak iż-żmien *nofs* il-pensjoni li kien imiss lil dik il-mara l-oħra kieku baqgħet ħajja wara l-kontribwent. Meta l-pensjoni ta' l-armla tispiċċa, qassam indaqs bejn it-tfal ta' l-ewwel mara li jkollhom jedd f'dak iż-żmien, il-pensjoni *sħiħa* li kienet tmiss lill-ewwel mara kieku baqgħet ħajja wara l-kontribwent.

NOTA 9. F'dan il-każ, sakemm it-tfal ta' l-ewwel mara jkollhom jedd għal pensjoni, il-pensjoni ta' l-armla hija *nofs* dik li kienet tmiss lilha kieku ma kienx hemm dawk it-tfal.

**E.**UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI FL-ETÀ TA' 60 SENA JEW IŻJED, TAĦT L-ART. 5 (2).

NOTA 10. L-Uffiċjali pubbliċi li jsiru kontribwenti fl-età ta' 60 sena jew iżjed, taħt l-art. 5 (2), għandhom jikkontribwixxu sa ma jagħlqu 65 sena.

REGOLA 21. Imxi skond ir-Regoli ta' qabel u l-Eżempji li hemm dwarhom, iżda uża t-Tabella Ċ flok it-Tabella B.

**F.**UFFIĊJAL PUBBLIKU MIŻŻEWWEĠ JEW ARMEL BI TFAL TA' ETÀ PENSJONABBLI ITTRASFERIT FIS-SERVIZZ TA' KOLONJA INGLIŻA OĦRA

IX. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-BENEFIĊJARJI.

(O) *Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien tas-servizz taħt il-Gvern.*

(P) *Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin wara t-trasferiment f'Kolonja Ingliża oħra.*

NOTA 11. Jekk kontribwent miżżewweġ jew armel bi tfal ta' età pensjonabbli, jiġi ittrasferit mis-servizz tal-Gvern f'impieg ieħor taħt il-Kuruna Ingliża, jew fis-servizz ta' Protettorat Ingliż, qabel ma jispiċċa ż-żmien li fih għandu jikkontribwixxi, huwa jista' -

(i) jibqa' jikkontribwixxi bir-rata li kien jikkontribwixxi sewwa sew qabel ma ġie hekk ittrasferit, jew, jekk is-salarju tiegħu jkun anqas, b'rata mnaqqsa korrispondenti; jew

(ii) ma jibqax jikkontribwixxi mid-data tat-trasferiment, jew f'kull żmien wara.

Fil-każ (i) li l-pensjoni reġistrata tkun tikkonsisti

(O) f'pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien tas-servizz taħt il-Gvern; u

(P) f'pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin wara t-trasferiment.

Iżda, fil-każ (ii), jekk ma jibqax jikkontribwixxi mid-data tat-trasferiment, huwa jkollu jedd biss għall-pensjoni (O) għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fi żmien is-servizz tiegħu taħt il-Gvern. Ara Eż. XI.

REGOLA 22. Fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi ittrasferuti f'Kolonja Ingliża oħra, il-pensjoni reġistrata għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fi żmien is-servizz taħt il-Gvern, għandha tiġi ikkalkulata fuq ir-Regoli ta' qabel din; iżda, il-pensjoni, għall-kontribuzzjonijiet imħallsin wara t-trasferiment għandhom jiġu ikkalkulati fuq il-valuri netti li joħorġu mit-Tabelli. Ara Eż. XI.

## UŻU TAT-TABELLI

*Tifsir tal-valuri korrispondenti għall-età tal-mara.*

It-Tabelli, kif wieħed jista' jara, jagħtu l-età tar-raġel minn sena għal sena, u dik tal-mara b'intervalli ta' kull ħames snin biss.

REGOLA 23. Ir-riżultati għal kull età tal-mara bejn kull intervall ta' ħames snin jinsabu billi tittieħed parti proporzjonali tad-differenza.

Hekk, fit-Tabella A, nissoponu li l-età tar-raġel hija 40, u dik tal-mara 50,

il-valur li joħroġ huwa .................................................................... .622
u li l-età tar-raġel hija 40 u tal-mara 45, il-valur li joħroġ huwa..... .524
Differenza ................................ .098

Għalhekk, għal raġel 40 u mara 46, iżżid ma' l-iżgħar mill-valuri tat-tabella hawn fuq imsemmija (.524) 1/5 ta' din id-differenza (ingħidu .020), u r-riżultat huwa .544 (jiġifieri: .524 + .020); fil-waqt li għal raġel 40 u mara 47, iżżid 2/5 tad-differenza, u tibqa' sejjer hekk.

Oqgħod attent li, fit-Tabella D, dan il-proċess isir billi *tnaqqas* u mhux *iżżid*.

---

## NOTA SPEĊJALI

Ara sewwa l-art. 15 (*a*) ta' l-Att, illi jgħid li uffiċjal għażeb li jkun fis-servizz fid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att u li jiżżewweġ fi żmien tliet xhur mid-data li tiġi iffissata b'Notifikazzjoni tal-Gvern, għandu jiġi akkreditat b'pensjoni reġistrata magħmula mill-vantaġġi li jagħtuh it-Tabelli u r-Regoli li hawn ma' dan l-Att, u minn sebgħa minn erbgħin tas-salarju tiegħu fid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att.

---

## EŻEMPJI LI JURU L-METODU TA' L-APPLIKAZZJONI TAT-TABELLI U TAR-REGOLI.

### **A.** UFFIĊJAL PUBBLIKU LI JIBDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI JKUN GĦAŻEB.

### I. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-EWWEL MARA.

### EŻEMPJU I.

*Applikazzjoni tar-Regoli 1 u 3, u tan-Nota 2*

Uffiċjal għażeb li jħallas kontribuzzjoni ordinarja taħt l-art. 6 (1) (*a*) -

imwieled ..........................................................................fil-31 ta' Lulju, 1887

beda jikkontribwixxi .........................................................................fl-1 ta' April, 1928

iżżewweġ .......................................................................... fit-30 ta' Ġunju, 1932

Kontribuzzjoni fis-sena mill-l ta' April, 1928 sal-31 ta' Diċembru, 1930 .......................................................................................... €5.82

Kontribuzzjoni fis-sena mill-1 ta' Jannar, 1931 sa dak in-nhar taż-żwieġ .......................................................................................... €9.32

Il-mara mwielda ...................................................................fil-31 ta' Awissu, 1897

Età ta' l-uffiċjal meta jagħlaq sninu l-ewwel darba wara ż-żwieġ ...............................45

Età tal-mara meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara ż-żwieġ ..................................35

Skond in-Nota 2 - Pensjoni Reġistrata li għandha tiġi irreġistrata meta jiżżewweġ =

(A) Pensjoni għall-kontribuzzjoni imħallsin fiż-żmien li jkun għażeb, u ma' din

(B) Pensjoni għall-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

Sabiex issib (A) applika r-Regola 1, kif ġej -

Kontribuzzjoni mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru, 1928 =

| | | |
|---|---|---|
| 9/12 ta' €5.82 ........................................ | €4.37 | |
| Kontribuzzjoni matul l-1929 ........................................ | €5.82 | |
| Sena mgħax bis-6% fuq €4.37 ........................................ | €0.26 | |
| | | €10.45 |
| Kontribuzzjoni matul l-1930 ........................................ | €5.82 | |
| Sena mgħax bis-6% fuq €10.45 ........................................ | €0.63 | |
| | | €16.91 |
| Kontribuzzjoni matul l-1931 ........................................ | € 9.32 | |
| Sena mgħax bis-6% fuq €16.91 ........................................ | €1.01 | |
| | | €27.23 |
| Kontribuzzjoni mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, 1932 = 6/12 ta' €9.32 ........................................ | €4.66 | |
| Nofs sena mgħax bis-6% fuq €27.24 ........................................ | €0.82 | |
| Ġabra ta' kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien li kien għażeb, fid-data taż-żwieġ ........................................ | €32.71 | |

Kwantità li toħroġ mit-Tabella A -

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 45 | } .................... **.312** |
| Il-mara | 35 | |

(A) = €32.71 x .312 x 2 = €20.41 = Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjonijiet fiż-żmien li kien għazeb.

Sabiex issib (B) applika r-Regola 3, kif ġej:

Kontribuzzjonijiet kurrenti ta' kull sena fid-data taż-żwieġ........ €9.32

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 45 | } ............... **2.862** |
| Il-mara | 35 | |

(B) = €9.32 x 2.862 x 2 = €53.33 = Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjonijiet kurrenti fid-data taż-żwieġ.

∴Il-Pensjoni Reġistrata sħiħa li għandha titniżżel fid-data taż-żwieġ tal-kontribwent għażeb (ara n-Nota 2) hija

(A) = €20.41 u magħhom

(B) = €53.33

Total €73.74 ..................(i).

EŻEMPJU II.

*Applikazzjoni tar-Regoli 2 u 4, u tan-Nota 2.*

Nieħdu l-partikulari ta' l-Eżempju I, imma nissoponu li l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-uffiċjal huma d-doppju ta' dawk hemm imsemmija rispettivament, taħt l-art. 6 (1) (*b*), jiġifieri: €11.65 u €18.63.

Pensjoni Reġistrata li għandha titniżżel fid-data taż-żwieġ =

(A) Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien li kien għażeb, u ma' din

(B) Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet kurrenti ta' kull sena.

Sabiex issib (A) applika r-Regola 2, kif ġej:

Kontribuzzjoni mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru, 1928
= 9/12 ta' €11.65 .................... €8.74

Kontribuzzjoni matul l-1929 .................... €11.65

Sena imgħax bis-6% fuq €8.74 .................... €0.52

€20.91

Kontribuzzjoni matul l-1930 .................... €11.65
Sena mgħax bis-6% fuq Lm8.97,0 €20.89 .................... €1.26

€33.82

Kontribuzzjoni matul l-1931 .................... €18.63

Sena mgħax bis-6% fuq €33.82 .................... €2.02

....................................................................................

€54.47

Kontribuzzjoni mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, 1932
= 6/12 ta' €18.63 .................... €9.32

Nofs sena imgħax bis-6% fuq €54.47 .................... €1.63

Ġabra tal-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien li kien għażeb,
fid-data taż-żwieġ .................... €65.42

Kwantità li toħroġ mit-Tabella A:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 45 | } ............. **.312** |
| Il-mara | 35 | |

(A) = €65.42 x .312 x 3/2 = €30.61 = Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien li kien għażeb.

Sabiex issib (B) applika r-Regola 4, kif ġej:-

Kontribuzzjoni fis-sena fid-data taż-żwieġ .............................. €18.63

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B: -

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 45 | } ............. **2.862** |
| Il-mara | 35 | |

(B) = €18.63 x 2.862 x 3/2 = €80.00 = Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjonijiet kurrenti ta' kull sena fid-data taż-żwieġ.

∴ Il-Pensjoni Reġistrata sħiħa li għandha titniżżel fid-data taż-żwieġ tal-kontribwent għażeb (ara Nota 2) hija

(A) = €30.61 u magħhom

(B) = €80.00

Total €110.61............... (i).

EŻEMPJU III.

*Applikazzjoni tar-Regola 5 u tan-Nota 4.*

(Ċ)*Tibdil tal-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara*

(kontribuzzjoni ordinarja).

Nieħdu l-partikulari ta' l-Eżempju I, u li

(i) .................................. Il-kontribuzzjoni fis-sena tiżdied fil-31 ta' Mejju, 1937minn €9.32. sa €13.98 , jiġifieri: żieda ta' €4.66,

(ii) .......................... Il-kontribuzzjoni fis-sena titnaqqas, fit-30 ta' April, 1942 minn €13.98 sa €11.65 jiġifieri: tnaqqis ta' €2.33,

(iii) ............................ Il-kontribuzzjoni fis-sena tispiċċa fil-31 ta' Marzu,1945minn €11.65 sa xejn, jiġifieri: tnaqqis ta' €11.65,

(i) ............ 1937, 31 ta' Mejju - Żieda tal-kontribuzzjonijiet kurrenti ta' kull sena .......................................................................... €4.66

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 50 | } ............ **1.963** |
| Il-mara | 40 | |

€4.66 x 1.963 x 2 = €18.29 = ammont li għandu jiżdied mal-Pensjoni Reġistrata minħabba ż-żieda tal-kontribuzzjoni fis-sena.

∴ Il-Pensjoni Reġistrata fid-data taż-żwieġ [Eż. 1(i)] ..................................... €73.74

iżjed l-ammont ta' hawn fuq ............................................................................ €18.29

∴ (ċ) (i) = Pensjoni Reġistrata fil-31 ta' Mejju, 1937 = ............................. €92.03

(ii) ........... 1942, 30 ta' April - Tnaqqis mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.................................................................................. €2.33

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 55 | } ............ **1.073** |
| Il-mara | 45 | |

€2.33 x 1.073 x 2 = €5.00 = ammont li għandu jiġi mnaqqas mill-Pensjoni Reġistrata (Ċ) (i), minħabba t-tnaqqis hawn fuq imsemmi mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

∴ Pensjoni Reġistrata (Ċ) (i) .......................................................................... €92.03

imnaqqas l-ammont ta' hawn fuq .......................................................................... . €5.00

∴ (Ċ) (ii) = Pensjoni Reġistrata fit-30 ta' April, 1942 = ................................ €87.03

(iii) 1945, 31 ta' Marzu - Tmiem tal-kontribuzzjoni, jitqies bħala tnaqqis mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena, (Nota 4) .............................................. €11.65

Kwantità ikkalkulata mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 58 | } .................. **.461** |
| Il-mara | 48 | |

(Ara Regola 23).

€11.65 x .461 x 2 = €10.74 = ammont li għandu jiġi mnaqqas mill-Pensjoni Reġistrata ta' qabel (Ċ) (ii), minħabba t-tmiem tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

∴ Pensjoni Reġistrata (Ċ) (ii), kif jingħad hawn fuq....................................... €87.03

imnaqqas l-ammont ta' hawn fuq ................................................................... €10.74

∴ (Ċ) (iii) = Pensjoni Reġistrata fil-31 ta' Marzu, 1945 = ......................... €76.30

EZEMPJU IV.

*Applikazzjoni tar-Regola 6 u tan-Nota 4.*

(Ċ) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li fih il-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara*

(Kontribuzzjoni doppja).

Nieħdu l-partikolari ta' l-Eż. II, u li

(i) Il-kontribuzzjoni fis-sena tiżdied fil-31 ta' Mejju, 1937 ............................ minn €18.63 sa €27.95 , jiġifieri: żieda ta' €9.32

(ii) Il-kontribuzzjoni fis-sena titnaqqas fit-30 ta' April, 1942 ......................... minn €27.95 sa €23.29, jiġifieri: tnaqqis ta' €4.66

(iii) Il-kontribuzzjoni fis-sena tispiċċa fil-31 ta' Marzu, 1945......................... minn €23.29 sa xejn, jiġifieri tnaqqis ta' €23.29

(i) 1937, 31 ta' Mejju - żieda tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena ...................................................................................................... €9.32

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 50 | } .................. **1.963** |
| Il-mara | 40 | |

€9.32 x 1.963 x 3/2 = €27.44 = ammont li għandu jiżdied mal-Pensjoni Reġistrata, minħabba ż-żieda tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

∴ Il-Pensjoni Reġistrata fid-data taż-żwieġ [Eż. II (i)] .................................. €110.61

iżjed l-ammont hawn fuq imsemmi .................................................................. €27.44

∴ (Ċ) (i) = Pensjoni Reġistrata fil-31 ta' Mejju, 1937 = .................................€138.04

(ii) 1942, 30 ta' April - Tnaqqis mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena ............................................................................... €4.66

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 55 | } .................. **1.072** |
| Il-mara | 45 | |

€4.66 x 1.072 x 3/2 = €7.49 = ammont li għandu jitnaqqas mill-Pensjoni Reġistrata ta' qabel (Ċ) (i) minħabba t-tnaqqis mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena, hawn fuq imsemmi.

∴ Pensjoni Reġistrata (Ċ) (i) kif jingħad hawn fuq ........................................ €138.04

imnaqqas l-ammont ta' hawn fuq ........................................................................ €7.49

∴ (Ċ) (ii) = Pensjoni Reġistrata fit-30 ta' April, 1942 = ..................................€130.55

(iii) 1945, 31 ta' Marzu - Tmiem tal-kontribuzzjoni, jitqies bħala tnaqqis mill-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena (Nota 4) .................................................................................. €23.29

Kwantità ikkalkulata mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 58 | } .................. **.461** |
| Il-mara | 48 | |

(Ara Regola 23).

€23.29 x .461 x 3/2 €16.11 = ammont li għandu jitnaqqas mill-Pensjoni Reġistrata ta' qabel (Ċ) (ii), minħabba t-tmiem tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

∴ Pensjoni Reġistrata (Ċ) (ii), kif jingħad hawn fuq ..................................... €130.55

imnaqqas l-ammont kif jingħad hawn fuq ........................................................ €16.11

∴ (Ċ) (iii) = Pensjoni Reġistrata fil-31 ta' Marzu, 1945= ................................. €114.44

EŻEMPJU V.

*Applikazzjoni tan-Nota 5.*

Uffiċjal (għażeb) li jħallas rata doppja ta' kontribuzzjoni skond l-art. 6 (1) (*b*).

imwieled ........................................................................................ fil-31 ta' Lulju, 1887

beda jikkontribwixxi ........................................................................fl-1 ta' April, 1928

iżżewweġ ......................................................................................fit-30 ta' Ġunju, 1932

Kontribuzzjoni fis-sena mill-1 ta' April, 1928, sal-31
ta' Diċembru, 1930 ................................................................. €17.47 x 2 = €34.94

Kontribuzzjoni fis-sena mill-1 ta' Jannar, 1931 sad-data
taż-żwieġ .................................................................................. €20.38 x 2= €40.76

Il-mara mwielda .........................................fil-31 ta' Awissu, 1892

L-età ta' l-uffiċjal meta jagħlaq sninu l-ewwel darba wara ż-żwieġ ...........................45

L-età tal-mara meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara ż-żwieġ................................ 40

Pensjoni Reġistrata li għandha titniżżel fid-data taż-żwieġ =

(A) Pensjoni għall-kontribuzzjoni mħallsa fiż-żmien li kien għażeb, u iżjed

(B) Pensjoni għall-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena.

Billi jiġu applikati r-Regoli 2 u 4 u billi wieħed jimxi bħal fl-Eżempju II, issib li (A) huwa ugwali għal €92.70 u (B) għal €200.19

∴ Il-Pensjoni Reġistrata totali li għandha titniżżel hija

(A) = €92.70 u iżjed

(B) = €200.19

Total €292.89

Dan jaqbeż il-*maximum* ta' €279.52 fis-sena b'€13.36 ; għalhekk il-kontribuzzjoni *extra* għandha titnaqqas skond in-Nota 5 mid-data taż-żwieġ.

Biex issib l-ammont li bih il-kontribuzzjoni *extra* għandha titnaqqas, iddividi ż-żejjed (€13.36) bl-aħħar kwantità li toħroġ mit-Tabella B, meta tikkalkula (B), jiġifieri: il-kwantità li tikkorrispondi ma' l-età rispettiva tar-raġel u tal-mara (meta jagħlqu sninhom l-ewwel darba wara li jiżżewġu. Il-kwozjent jagħti kemm għandu jitnaqqas mill-kontribuzzjoni *extra*. Il-kalkolu għandu jsir hekk:

Il-kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ir-raġel | fid-data taż-żwieġ | 45 | } .................. **3.274** |
| Il-mara | fid-data taż-żwieġ | 40 | |

$$\frac{€13.36}{3.274} = €4.08$$

∴ mid-data taż-żwieġ.

Kontribuzzjoni *extra* = €20.38 - €.4.08= €16.31 u

∴ Kontribuzzjoni totali = €20.38+ €16.31= €36.69 minflok €40.76 (id-doppju tal-kontribuzzjoni ordinarja).

II. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA MIT-TIENI ŻWIEĠ JEW MINN ŻWIĠIJIET OĦRA WARA.

EŻEMPJU VI.

*Applikazzjoni tar-Regoli 7 u 8.*

F'dan il-każ għandu jittieħed qies tat-tibdil ta' hawn taħt fil-pensjoni, sew fil-każ ta' kontribuzzjoni bir-rata ordinarja kemm fil-każ ta' kontribuzzjoni bir-rata doppja, jiġifieri:

(D) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent kien armel; u*

(E) *Tibdil fl-pensjoni minħabba ż-żwieġ mill-ġdid tal-kontribwent.*

Sabiex issib (D), applika r-Regola 7.

Sabiex issib (E), applika n-Nota 6, jew ir-Regola 8, skond jekk l-età tal-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra warajh meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara li l-kontribwent ikun reġa' żżewweġ, hija, jew mhix, l-istess bħal dik li kien ikollha l-mara ta' qabel li kieku baqgħet ħajja sa dik id-data.

(D) *Applikazzjoni tar-Regola 7.*

Jekk nieħdu l-partikularitajiet bħal fl-Eżempju IV barra milli l-ewwel mara mwielda fil-31 ta' Awissu, 1897, mietet fit-30 ta' April, 1935, inkunu nissoponu illi l-kontribwent, fid-data ta' kull waħda mit-tliet tibdiliet ta' kontribuzzjoni, iżżewweġ mara li twieldet fil-31 ta' Awissu, 1897. Il-metodu tal-kalkolu hu dak miġjub fl-Eżempju IV.

(E) *Applikazzjoni tar-Regola 8.*

Nieħdu l-partikularitajiet bħal dawk ta' l-Eż. II, u li

l-ewwel mara mietet ........................................................................ fit-30 ta' April, 1935

Il-kontribwent reġa' żżewweġ ................................................... fil-31 ta' Marzu, 1937

Il-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra wara twieldet .................................................................................. fit-30 ta' Settembru, 1902

L-età tal-kontribwent meta jagħlaq sninu l-ewwel darba wara li reġa' żżewweġ ..................................................................................... 50

L-età tal-mara tat-tieni żwieġ, jew ta' żwiġijiet oħra warajh, meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara li l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ ..................................................................... 35

L-età li l-ewwel mara kien ikollha meta tagħlaq sninha l-ewwel darba, kieku baqgħet ħajja sad-data li fiha l-kontribwent reġa' żżewweġ ................................................................ 40

1927, 31 ta' Marzu - Meta l-età tal-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet warajh meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara li l-kontribwent jerga' jiżżewweġ hija anqas minn dik li kien ikollha l-ewwel mara kieku baqgħet ħajja, il-Pensjoni Reġistrata [€110.61- Eż. II (i)] għandha tiġi ikkalkulata mill-ġdid billi tapplika r-Regola 8, kif ġej:

Kwantità li toħroġ mit-Tabella D:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ir-raġel | fid-data li jerġa' jiżżewweġ | 50 | } .................. **3.594** |
| Il-mara | fid-data li l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ | 40 | |

Kwantità li toħroġ mit-Tabella A:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ir-raġel | fid-data li jerġa' jiżżewweġ | 50 | } .................. **.245** |
| Il-mara | tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra wara meta l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ | 35 | |

(E) = €110.61 *x 3.594 x .245*= €97.39= *Pensjoni Reġistrata fid-data li l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ* (31 ta' Marzu, 1937).

*N.B.* Jekk l-età tal-mara tat-tieni żwieġ, jew ta' żwiġijiet oħra warajh, meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara li l-kontribwent jerġa' jiżżewweġ, hija daqs dik li l-mara ta' qabel kien ikollha kieku baqgħat ħajja sa dik id-data, ma jitniżżel ebda tibdil fil-Pensjoni Reġistrata (Ara Nota 6).

(F) *Barra minn dan, kemm-il darba l-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena tiġi miżjuda jew imnaqqsa fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ mal-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra wara, applika r-Regola 9.*

**B.**UFFIĊJAL PUBBLIKU LI BEDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI KIEN MIŻŻEWWEĠ

III. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-EWWEL MARA.

*Applikazzjoni tar-Regoli 10 u 11, u tan-Nota 7.*

(*a*) Fil-każ ta' uffiċjal ġdid li jidħol fis-servizz wara li jibda iseħħ dan l-Att (Art. 4 (1)) applika n-Nota 7, u niżżel biss il-Pensjoni Reġistrata (Ġ) minħabba l-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fid-data tal-bidu tal-kontribuzzjoni, li tinħareġ skond ir-Regola 10, kif ġej:

EŻEMPJU VII.

*Applikazzjoni tar-Regola 10.*

Uffiċjal li jidħol fis-servizz wara li jibda dan l-Att, jiġifieri: wara l-1 ta' Lulju, 1927:

imwieled ........................................................................................ fit-30 ta' Ġunju, 1903

miżżewweġ ....................................................................................fil-3l ta' Ottubru, 1925

u beda jikkontribwixxi fid-data li daħal fis-servizz ..................fit-30 ta' Settembru, 1927

Salarju ............................................................................................... €582.34

Kontribuzzjoni (ordinarja) kurrenti ta' kull sena fid-data li daħal fis-servizz ........................................................................................................ €14.56

Il-mara twieldet ................................................................................fit-30 ta' April, 1908

L-età ta' l-uffiċjal meta jagħlaq sninu l-ewwel darba wara li jidħol fis-servizz .........................................................................................................25

L-età tal-mara meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara li żewġha jidħol fis-servizz .........................................................................................................20

1927, 30 ta' Settembru, - Kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena ........................ €14.56 Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | |
|---|---|---|
| Ir-raġel | 25 | }................. **6.952** |
| Il-mara | 20 | |

(Ġ) = €14.56 *x 6.952 x 2 =* €202.42 = *Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fil-bidu tal-kontribjuzzioni.*

(*b*) Fil-każ ta' uffiċjali fis-servizz fid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att, li jkunu f'dik id-data miżżewga jew romol bi tfal ta' età pensjonabbli [art.15 (*a*)], il-Pensjoni Reġistrata tal-bidu li għandha tiġi mniżżla hija

(Ġ) *Pensjoni taħt ir-Regola 10 bħal fil-każ* (*a*) *ta' hawn fuq, u iżjed*

(Ħ) *Sebgħa minn erbgħin tas-salarju fid-data tal-Promulgazzjoni ta' dan l-Att, iżda, f'ebda każ m'għandu jinqabeż il-*maximum *ta'* €139.76 *u* €279.52 *fis-sena rispettivament, stabbilit fl-art. 15.*

EŻEMPJU VIII.

*Applikazzjoni tar-Regola 11.*

Uffiċjal fis-servizz fid-data li jibda jseħħ dan l-Att.

Nieħdu l-partikularitajiet ta' l-eżempju sew sew ta' qabel dan, barra milli l-uffiċjal daħal fis-servizz qabel ma beda jseħħ dan l-Att, u li, għalhekk, il-każ tiegħu jaqa' taħt l-art. 15 (*a*).

Il-Pensjoni Reġistrata li għandha titniżżel hija

(Ġ) = *Pensjoni taħt ir-Regola 10 bħal fl-Eż. VII* ................... €202.42 u iżjed

(Ħ) = *7/40 ta'* €582.34, *bħal fl-artikolu 15* (*a*) ...................... €101.91

∴ Total tal-pensjoni Reġistrata tal-bidu ................................ €304.33

Billi din il-Pensjoni Reġistrata taqbeż €279.52 hija għandha titnaqqas sa €279.52 fis-sena; iżda billi f'dan il-każ għandha x'taqsam biss il-kontribuzzjoni ordinarja, il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena m'għandhiex titnaqqas. Ara par. 2 tan-Nota 5.

(I) *Tibdil fil-pensjoni minħabba ż-żieda u t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ ma' l-ewwel mara.*

Applika r-Regola 12.

IV. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA

(J) *Tibdil fil-pensjoni minħabba żieda u tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena meta l-kontribwent huwa armel*

Applika r-Regola 13.

(K) *Tibdil fil-pensjoni minħabba li l-kontribwent jerga' jiżżewweġ*

Applika r-Regola 14.

(L) *Tibdil fil-pensjoni minħabba ż-żieda u t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fiż-żmien li l-kontribwent ikun miżżewweġ mal-mara tat-tieni żwieġ jew ta' żwiġijiet oħra warajh.*

Applika r-Regola 15.

**Ċ.**UFFIĊJAL PUBBLIKU LI BEDA JIKKONTRIBWIXXI FIŻ-ŻMIEN LI KIEN ARMEL.

V. PENSJONI LI TISTA' TMISS LILL-MARA TAT-TIENI ŻWIEĠ JEW TA' ŻWIĠIJIET OĦRA WARA

Applika r-Regola 16.

**D.**PENSJONIJIET LIT-TFAL ILTIEMA

VI. PENSJONIJIET LIT-TFAL ILTIEMA WARA L-MEWT TAL-KONTRIBWENT ARMEL

(M) *Meta l-iltiema huma t-tfal ta' mara waħda.*

EŻEMPJU IX.

*Applikazzjoni tar-Regola 17.*

Il-Pensjoni Reġistrata tal-kontribwent armel fil-mewt tiegħu hija ........................................................................................................ €104.82 fis-sena

It-tfal li għandhom jedd għall-pensjoni fil-mewt tal-kontribwent:

It-tifla xebba ta' l-età ta' ........................................................................... 19

It-tifel ta' l-età ta' ...................................................................................... 14

It-tifel ta' l-età ta' ...................................................................................... 12

Kull wieħed mit-tliet itfal jirċievi pensjoni ta' €104.82/3 = €34.94 fis-sena

Jekk it-tifla xebba tiżżewweġ fl-età ta' 20, kull wieħed miż-żewġ subien jieħu pensjoni ta' €104.82/2 = €52.41 fis-sena.

Jekk wara wieħed mis-subien imut, fil-waqt li l-ieħor ikun għadu ta' età pensjonabbli, dan ta' l-aħħar jieħu l-pensjoni sħiħa ta' €104.82 fis-sena.

(N) *Meta l-iltiema mhumiex tfal ta' mara waħda.*

Applika r-Regola 18.

*N.B.* Din ir-Regola tikkuntempla l-każ ta' żewġ nisa biss, iżda l-prinċipju jgħodd ukoll fil-każ ta' aktar minn żewġ żwiġijiet.

VII. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA META L-ARMLA TMUT JEW TERĠA' TIŻŻEWWEĠ

Applika r-Regola 19.

EŻEMPJU X.

*Applikazzjoni tar-Regola 19.*

Ammont tal-pensjoni ta' l-armla meta tmut jew terga' tiżżewweġ ...... €104.82 fis-sena

It-tfal li għandhom jedd għal pensjoni meta l-armla tmut jew terġa' tiżżewweġ:

Għandhom jittieħdu l-partikularitajiet ta' l-Eż. IX u jitmexxa kif jingħad hemm.

VIII. PENSJONI LIT-TFAL ILTIEMA FIL-MEWT TAL-KONTRIBWENT MIŻŻEWWEĠ

Applika r-Regola 20 u n-Nota 9.

---

**E.**UFFIĊJAL PUBBLIKU LI BEDA JIKKONTRIBWIXXI FL-ETÀ TA' SITTIN SENA JEW IŻJED. TAĦT L-ART. 5(2)

Applika r-Regola 21.

**F.**UFFIĊJAL PUBBLIKU MIŻŻEWWEĠ JEW ARMEL BI TFAL TA' ETÀ PENSJONABBLI ITTRASFERIT FIS-SERVIZZ TA' KOLONJA INGLIŻA OĦRA.

Applika r-Regola 22 u n-Nota 11.

EŻEMPJU XI.

Applikazzjoni tar-Regola 22 u tan-Nota 11.

Uffiċjal li jidħol fis-servizz wara li jibda jseħħ dan l-Att.

imwieled ........................................................................... fit-30 ta' Ġunju, 1903

miżżewweġ ..................................................................................fil-31 ta' Ottubru, 1925

u beda jikkontribwixxi fid-data li daħal fis-servizz ...fit-30 ta' Settembru, 1927

Salarju ........................................................................................................ €582.34

Kontribuzzjoni (ordinarja) kurrenti ta' kull sena fid-data tad-dħul fis-servizz ........................................................................................................ €14.56

Il-mara twieldet ..............................................................................fit-30 ta' April, 1908

l-Uffiċjal ġie ittrasferit ..............................................................fil-31 ta' Ottubru, 1932

L-età ta' l-Uffiċjal meta jagħlaq sninu l-ewwel darba wara d-dħul fis-servizz ........................................................................................................25

L-età tal-mara meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara d-dħul tar-raġel tagħha fis-servizz 20

L-età ta' l-uffiċjal meta jagħlaq sninu l-ewwel darba wara t-trasferiment ........................................................................................................30

L-età tal-mara meta tagħlaq sninha l-ewwel darba wara t-trasferiment tar-raġel tagħha 25

Kontribuzzjoni fis-sena wara t-trasferiment, l-istess bħal qabel ....................... €14.56

Kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fid-data li jidħol fis-servizz .................... €14.56

Skond in-Nota 11, każ (i) - il-Pensjoni Reġistrata li għandha titniżżel fid-data tat-trasferiment =

(O) Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien tas-servizz taħt il-Gvern, u iżjed.

(P) Pensjoni għall-kontribuzzjonijiet imħallsin wara t-trasferiment.

Sabiex issib (O) applika r-Regola 22, kif ġej:

Kwantità li toħroġ mit-Tabella B:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ir-raġel fid-data tad-dħul fis-servizz | 25 | }.................. | **6.952** |
| Il-mara, fid-data tad-dħul tar-raġel fis-servizz | 20 | | |

∴ €14.56 x 6.952 x 2 = €202.42 = Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena fid-data tad-dħul fis-servizz......... (i)

N.B. Għalkemm il-kontribuzzjoni kurrenti ta' kull sena qabel u wara t-trasferiment, f'dan il-każ partikulari, hija xorta waħda, iżda, għall-ħeffa tal-kalkolu taż-żewġ pensjonijiet parzjali, għandu jitqies li l-kontribuzzjoni spiċċat fit-tmiem taż-żmien tas-servizz taħt il-Gvern - jiġifieri: - fid-data tat-trasferiment u li bdiet mill-ġdid fl-istess data li titqies bħala l-bidu taż-żmien tal-kontribuzzjoni wara t-trasferiment.

Għalhekk, inqisu li mill-kontribuzzjoni kurrenti fis-sena li spiċċat li titħallas fid-data tat-trasferiment, ġiet bħala mnaqqsa s-somma ta' €14.56.

Kwantità maħruġa mit-Tabella B:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ir-raġel fid-data tat-trasferiment | 30 | }.................. | **5.998** |
| Il-mara, fid-data tat-trasferiment tar-raġel | 25 | | |

∴ €14.56 x 5.998 x 2 = €174.64 = ammont li għandu jiġi mnaqqas mill-Pensjoni Reġistrata ta' qabel (i) minħabba li l-kontribuzzjoni spiċċat li titħallas........................... (ii)

∴(O) Pensjoni Reġistrata (i), kif jingħad hawn fuq .................................................................... €202.42

imnaqqas l-ammont (ii), kif jingħad hawn fuq .................................................................... €174.64

€27.78 = ....................... Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjonijiet imħallsin fiż-żmien tas-servizz taħt il-Gvern. ...................... (iii)

Barra minn dan, inqisu l-istess kontribuzzjoni fis-sena ta' €14.56 bħala l-ewwel kontribuzzjoni taż-żmien wara t-trasferiment, u billi l-kwantità maħruġa mit-Tabella B hija kif jidher ċar l-istess bħal ta' hawn fuq (jiġifieri: 5.998).

(P) = €14.56 x 5.998 x l = €87.32 = Pensjoni Reġistrata għall-kontribuzzjoni wara t-trasferiment ............................ (iv)

∴ It-total tal-Pensjoni Reġistrata, li għandu jitniżżel hu

(iii) = €27.78 u iżjed

(iv) = €87.32

Total €115.10

Fil-każ li l-kontribuzzjoni ( €14.56 fis-sena) tispiċċa għal kollox fid-data tat-trasferiment, il-Pensjoni Reġistrata hija limitata għall-ewwel Pensjoni Reġistrata parzjali (iii), jiġifieri, għal €27.78 fis-sena.

---

**5.** L-Ewwel u t-Tieni Skeda ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA

| *L-Ewwel Kolonna*<br>Reat | *It-Tieni Kolonna*<br>Multa |
|---|---|
| Sewqan ta' vettura bil-mutur fuq *caterpillar trucks*: | |
| L-ewwel reat ............................ | Multa ta' mhux inqas minn €232.94 iżda mhux iżjed minn €1,164.69 |
| Reat ieħor li jsir wara ................ | Multa ta' mhux inqas minn €465.87 iżda mhux iżjed minn €1,164.69 u konfiska tal-vettura |

IT-TIENI SKEDA

| *L-Ewwel Kolonna*<br>*Reat* | *It-Tieni Kolonna*<br>*Ammenda*<br>€ |
|---|---|
| Ksur ta' sinjal li juri li m'hemmx dħul ................................ | 46.59 |
| Sewqan bi *speed* eċċessiv.................................................... | 69.88 |
| Sewqan ta' vetturi bil-mutur li jġorru xbieki jew vireg tal-ħadid li ma jkunux hekk marbutin li ma ssirx ħsara lil wiċċ it-triq ................................................ | 116.47 |
| Duħħan eċċessiv minn pajpijiet ta' l-*exhaust* ............... | 46.59 |
| Nuqqas ta' għemil ta' *trip* minn *motor bus* ................... | 23.29 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tas-sewqan ....................... | 34.94 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tal-vettura ........................ | 69.88 |
| Liċenza mhux imwaħħla mal-*windscreen*...................... | 23.29 |
| Dwal mhux skond id-disposizzjonijiet tal-liġi ............. | 23.29 |
| *Silencer* mhux effettiv................................................. | 69.88 |
| Nuqqas ta' għoti ta' biljett lil passiġġier li juri n-nol li tħallas jew għoti ta' biljett ħażin ............................. | 11.65 |

| | |
|---|---|
| Nuqqas ta' użu ta' tavlar ta' wara jew twaqqigħ fit-triq ta' materjal li jkun qed jinġarr ................................ | 46.59 |
| Ostakolu .................................................................... | 104.82 |
| Tagħbija ta' passiġġieri żejda .................................... | 11.65 |
| Ipparkjar jew stennija jew waqfien f'postijiet ipprojbiti | 23.29 |
| Ipparkjar quddiem *garage* ta' persuna oħra li ma tkunx dik li tagħmel ir-reat .............................................. | 104.82 |
| Użu ta' ħorn jew mezz ta' twissija pprojbit ................. | 11.65 |
| Użu ta' vettura għal għan li ma jkollhiex liċenza għalih ........................... | 34.94 |

**6.** L-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

**"L-EWWEL SKEDA**

(Artikoli 2 u 4)

FORMULA A

PULIZIJA TA' MALTA

ĊERTIFIKAT TAL-KONDOTTA

Nru.

Jiena niddikjara illi, skond l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, (Kap. 77),

(*isem u kunjom*)

(Nru. tal-Karta tal-Identità)

bin imwieled fi

f' u joqgħod

huwa persuna ta' kondotta tajba.

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Malta, 20

Dritt imħallas € 2.33

*(Data u inizjali)*

Kummissarju tal-Pulizija

FORMULA B

PULIZIJA TA' MALTA

ĊERTIFIKAT TAL-KONDOTTA

Nru.

Jiena niddikjara illi l-kundanna/kundanni miġjubin fid-dahar ta' dan iċ-ċertifikat u li għandhom jiġu irreġistrati skond l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, (Kap. 77), tidher/jidhru fir-Reġistri tal-Uffiċċju tar-*Records* Kriminali kontra

(*isem u kunjom*) (Nru. tal-Karta tal-Identità),

bin imwieled

fi f'

u joqgħod

Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Malta, 20

Dritt imħallas € 2.33

(*Data u inizjali*)

Kummissarju tal-Pulizija"

---

**7.** L-Iskeda 1 ta' l- Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Kap. 88, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

**"SKEDA 1**

(Artikoli 3, 4, 8, 9, 12 u 35)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art imsemmija hawn taħt hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispozzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88)[§] u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut / għall-pussess u użu tagħha għal żmien ta' snin / għall-pussess u użu tagħha għal dak iż-żmien illi l-bżonnijiet ta' l-iskop pubbliku jitolbu. / b'dominju pubbliku. / bl-imposizzjoni fuqha ta' servitù (*hawn għandha tissemma s-servitù li tkun se tiġi imposta*), jew jiġifieri sabiex tiġi eżaminata bil-ħsieb li għad tista' tiġi akkwistata.

Il-kera ta' kumpens / għarfien / kera ta' akkwist offrut hu ta' € .........../ € ........... fis-sena skond l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett __________.

Jien niddikjara wkoll illi l-pussess ta’ l-art hu meħtieġ mill-awtorità kompetenti fi żmien ijiem/jum mid-data illi fiha din id-Dikjarazzjoni tiġi innotifikata lis-sid jew sidien ta’ l-art.

DESKRIZZJONI TA’ L-ART

1.

2.

3.

§ Ħassar dak li ma jgħoddx għall-każ.

President

---

Notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta u ta’ Dettalji ta’ l-Art.

Fil-Bord ta’ Arbitraġġ dwar Artijiet.

Data ...................................

Lil *(hawn niżżel isem is-sid jew tas-sidien)*.

A.B. fil-kariga tiegħu ta’ Kummissarju ta’ l-Artijiet, b’dan jinnotifikalek kopja ta’ Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta (Dokument A) illi tiddikjara li l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku kif speċifikat fid-Dikjarazzjoni. L-art imsemmija fid-Dikjarazzjoni hija din li ġejja: *(hawn daħħal id-deskrizzjoni ta' l-art)*.

---

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA’ MALTA

BILLI bl-artikolu 4 ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa ipprovdut illi l-President ta’ Malta jista’ għal skopijiet pubbliċi jiddikjara illi art hija suġġetta għall-jedd ta’ *clearance* jew għall-jedd ta’ taħt wiċċ l-art:

U BILLI hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-Iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal ........................... *

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, bis-saħħa ta’ l-artikolu 4 ta’ l-imsemmija Ordinanza, b’dan niddikjara illi l-proprjetà imsemmija fl-Iskeda imdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal ...............................*.

**SKEDA**

..........................................

..........................................

il-Palazz, il-Belt Valletta, illum ...................... 20 .....”.

## SKEDA IV

## (Artikolu 5)

## Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Leġislazzjoni Sussidjarja magħmula taħt il-Kapitoli 51 - 100

**1.** L-Iskeda tar-Regolamenti dwar *Tractors* bil-Mutur (L.S.65.08) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 17)

Id-drittijiet li għandhom jitħallsu għat-tneħħija u ħażna ta' vetturi kummerċjali, vetturi kummerċjali mill-kbar, *tractors* bil-mutur, karrelli jew *containers*:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | għall-użu ta' xi tagħmir ta' rmonk, irfiegħ jew tagħmir ieħor ... | €23.29 |
| (ii) | għall-irmonk tal-vettura jew ħaġa oħra li tiġi mneħħija għall-post ta' ħażna, għal kull kilometru jew parti minnu ................. | €11.65 |
| (iii) | għall-ħażna tal-vettura jew ħaġa oħra li tiġi mneħħija, għal kull ġurnata jew parti minnha ................................................ | €6.99". |

**2.** (1) Is-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (L.S.65.15) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IS-SITT SKEDA

[Regolamenti 10 u 21]

KONDIZZJONIJIET TA' KUNTRATT GĦAL OPERATURI

Operaturi ta' l-istazzjonijiet għandhom jiffirmaw kuntratt ma' l-uffiċjal awtorizzat, li fih jiftiehmu li jaċċettaw il-kondizzjonijiet imsemmija hawn taħt, u jipprovdu jew:

(i) garanzija bankarja ta' €23,293 għal kull stazzjon; jew

(ii) garanzija bankarja kollettiva ta' mhux anqas minn €81,528 provduta konġuntament bejn l-istazzjonijiet kollha li jiddeċiedu li jagħtu din il-garanzija,

u, f'kull każ, jekk fl-opinjoni ta' l-uffiċjal awtorizzat, l-operatur jikser il-kuntratt, l-istess operatur għandu jiddepożita l-ammont ta' €11,646 favur l-Uffiċjal Awtorizzat, u jekk dan ma jseħħx, l-istess Uffiċjal jista' jieħu azzjoni biex jitħallas mill-individwu jew garanzija kollettiva, skond il-każ, u l-operatur għandu immedjatament jiddepożita s-somma sabiex il-garanzija titreġġa' lura daqs is-somma oriġinali; fil-każ tat-tieni reat, l-operatur jitlef il-garanzija (€23,293) u l-uffiċjal awtorizzat għandu jirtira l-liċenzja relatata ma' l-istazzjon:

(*a*) li għandu jkollhom awtorizzazzjoni mid-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet li tippermetti l-ittestjar ta' vetturi fl-istazzjon tagħhom, fuq waħda jew aktar minn tlett klassi ta' vetturi, li huma *motorcycles*, vetturi ħfief u vetturi tqal kif speċifikat fl-applikazzjoni;

(*b*) li jiġu addebitati, mill-uffiċjal awtorizzat, dritt għal liċenza annwali għal kull passaġġ ta' test kif speċifikat fir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija;

(*ċ*) li għandu jkollhom fuq il-post, għal kull passaġġ ta' l-ittestjar, minimu ta' persuna waħda liċenzjata kwalifikata bħala persuna li tittestja u persuna bħala assistent tagħha;

(*d*) li ma għandhomx joperaw sakemm huma u l-persunal magħżulin tagħhom ma jkunux għaddew minn kors ta' taħriġ approvat kif stipulat mid-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet biex jiġu osservati r-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu tajba għat-triq;

(*e*) li ma għandhomx jagħmlu testijiet fuq il-vetturi sakemm id-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet ma jkunx sodisfatt illi l-faċilitajiet u t-tagħmir huma skond il-ħtiġiet preskritti;

(*f*) li għandhom iħallu għal-wiri l-liċenza maħruġa mill-uffiċjal awtorizzat għal persuni awtorizzati biex jittestjaw li jkunu mpjegati fl-istazzjon tagħhom;

(*g*) li għandhom josservaw ir-Regolamenti u *Standards* għat-testijiet tal-vetturi li dawn huma tajbin għat triq skond ir-regolamenti ta' qabel din l-Iskeda u bl-approvazzjoni tad-Direttorat tal-Liċenzi u Testijiet;

(*h*) li għandhom iħallu fuq il-post il-manwal jew manwali approvati u akkreditati dwar testijiet;

(*i*) li għandhom jipprovdu provi illi huma, jew ir-rappreżentant tagħhom skond il-każ, u l-persuni impjegati minnhom u awtorizzati li jittestjaw jirċievu it-taħriġ neċessarju fl-użu tat-tagħmir għall-ittesjar mill-fabbrikanti jew mill-aġenti ta' dak it-tagħmir;

(*j*) li għandhom jipprovdu lid-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet kopja tal-manwali kollha provduti mat-tagħmir ta' l-ittestjar;

(*k*) li għandhom iħallu li jsiru l-ispezzjonijiet mill-persunal tal-VRT rigward in-notament ta' kalibrazzjoni tat-tagħmir kollu skond *standards* maħruġa mill-fabbrikanti;

(*l*) li ma għandhom jirrifjutaw ebda test fuq xi vettura ta' kull żmien, marka jew tip skond il-klassijiet li għalihom l-awtorizzazzjoni ġiet mogħtija, barra minn f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

meta d-dettalji mniżżla fid-dokument tar-reġistrazzjoni ma jaqblux mad-dettalji korretti tal-vettura;

meta l-vettura ma tkunx tista' tiġi misjuqa jew għax ma għandhiex biżżejjed petrol jew żejt biex jitkompla t-test;

meta l-vettura tiġi preżentata f'kundizzjoni tant maħmuġa li t-test ikun diffiċli biex isir;

meta l-operatur jikkonsidra li t-tagħbija jew l-oġġetti oħra mhux mistura ma jippermettux li t-test isir kif imiss jekk ma jitħattux;

meta l-vettura hi ta' xi daqs jew piż li ma tkunx tista' tiġi ttestjata kif imiss jew mingħajr periklu fil-faċilitajiet approvati.

Dawn l-affarijiet kollha fuq imsemmija għandhom jiġu vverifikati qabel ma jibda t-test.

(*m*) li għandhom, fil-każ fejn l-operatur jiddeċidi li jieqaf milli jmexxi stazzjon għal perijodu ta' żmien, iġib permess bil-miktub mill-uffiċjal awtorizzat biex iżommu l-istazzjon magħluqa. Jekk dan il-perijodu mhux definit, l-uffiċjal awtorizzat jista' jidhirlu li jkun neċessarju li jirrevoka dik il-liċenza - f'liema każ id-dokumenti kollha u d-*data* għandhom jintbagħtu lura lid-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet u tingħata riċevuta;

(*n*) li għandhom jagħmlu applikazzjoni ġdida biex jerġgħu jakkwistaw liċenza jekk il-liċenza oriġinali tkun ġiet revokata;

(*o*) li ma għandhomx taħt ebda ċirkostanza, jikkondizzjonaw minn qabel sid ta' vettura biex isiru tiswijiet jew aġġustamenti kif indikati fir-riżultat ta' test, fl-istess post;

(*p*) li għandhom jippermettu aċċess liberu lil kull rappreżentant tad-Direttorat ta' Liċenzi u Testijiet biex jispezzjona l-post, in-notamenti, it-tagħmir, u l-operazzjoni ta' l-istazzjon f'kull ħin skond l-eżiġenzi ta' l-uffiċjal awtorizzat;

(*q*) li ma għandhomx taħt ebda ċirkostanza, jiffirmaw riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jsirx test komplet u l-oġġetti kollha li għandhom jiġu ttestjati jiġu misjuba sodisfaċenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dan it-test magħmul mill-ġdid ma jkunx finalizzat u l-persuna licenzjata biex tagħmel testijiet fuq vetturi ma tikkonfermax li t-

tiswijiet meħtieġa ġew magħmula;

(*r*) li għandhom jipprovdu fl-istazzjon kaxxaforti għat-tqegħid fiż-żgur tad-dokumenti u formuli fil-pussess tagħhom kif ukoll tat-timbru tal-garaxx;

(*s*) li għandhom jiffirmaw il-formuli jew dokumenti kollha b'inka li ma titħassarx jew bil-*ball point pen*, u jiktbu ċar u mingħajr korrezzjonijiet;

(*t*) li ma għandhomx joħorġu jew jippermettu l-ħruġ ta' riżultat pożittiv ta' test meta suppost inħareġ wieħed negattiv ta' test dwar vettura bil-mutur wara test;

(*u*) li ma għandhomx jeżiġu dritt li jkun ogħla mis-somma preskritta;

(*v*) li ma għandhomx ripetutament, u mingħajr raġuni valida, jonqsu milli jżommu appuntamenti għall-ittestjar ta' vetturi bil-mutur; u

(*w*) li għandhom f'kull żmien iżommu t-tagħmir ta' l-ittestjar kalibrat skond l-i*standards* meħtieġa minn dawn ir-Regolamenti.".

(2) It-Tmien Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (L.S.65.15) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TMIEN SKEDA

[Regolamenti 19 u 20]

KONDIZZJONIJIET GĦAL PERSUNI LIĊENZJATI BIEX JITTESTJAW DRITTIJIET* U FREKWENZI TA' TESTIJIET

| **Kategorjia ta' vettura** | **Dritt sħiħ €** | **Frekwenza ta' Test** |
|---|---|---|
| **KLASSI I** | | |
| Motorcycles u komposti ta' motorcyles | 14.33 | A |
| **KLASSI IIA** | | |
| Midi buses, mini buses u vannijiet (g.v.w taħt 3,500kg.) | 26.32 | B |
| Vetturi użati għall-ġarr ta' oġġetti (vetturi kummerċjali - (g.v.w taħt 3,500kg.) | 26.32. | Ċ |
| Trailers, semi-trailers u vetturi oħra miġbuda (g.v.w taħt 3,500kg.) | 26.32 | Ċ |
| **KLASSI IIB** | | |
| Taxis (g.v.w taħt 3,500kg.) | 20.27 | B |
| Ambulanzi (g.v.w taħt 3,500kg.) | 20.27 | B |
| Vetturi misjuqa minn chauffeur (g.v.w taħt 3,500kg.) | 20.27 | B |
| Vetturi self-drive (g.v.w taħt 3,500kg.) | 20.27 | Ċ |
| Vetturi oħra ħfief tal-passiġġieri (g.v.w taħt 3,500kg.) | 20.27 | D |
| **KLASSI III** | | |
| Karrozi tal-linja (buses), coaches, buses privati, midibuses, minibuses u vannijiet (g.v.w hu 3,500kg. u aktar) | 31.10 | B |
| Vetturi użati għall-ġarr ta' oġġetti (vetturi kummerċjali - g.v.w hu 3,500kg. u aktar) | | |
| - ġodda | 31.10 | B |

| Kategorjia ta’ vettura | Dritt sħiħ € | Frekwenza ta’ Test |
|---|---|---|
| - Oħrajn (vetturi importati sekondaman) | 31.10 | F |
| Trailers, semi-trailers u vetturi oħra li jinġibdu | 31.10 | B |
| **KLASSIJIET I, IIA, IIB U III** | | |
| Il-vetturi kollha mportati second hand | kif hawn fuq skond il-kategorija | E". |

(3) Id-Disa’ Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (L.S.65.15) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"ID-DISA’ SKEDA
[Regolament 19]
ĦLAS GĦAL AMMINISTRAZZJONI
TAD-DIRETTORAT TA’ LIĊENZI U TESTIJIET

| Kategorjia ta’ vettura | Ħlas € |
|---|---|
| **KLASSI I** | |
| *Motorcycles* u komposti ta’ *motorcyles* | **0.80** |
| **KLASSI IIA** | |
| *Midibuses*, *minibuses* u vannijiet (g.v.w taħt 3,500kg.) | 0.82 |
| Vetturi użati għall-ġarr stradali ta’ merkanzija (g.v.w taħt 3,500kg.) | 0.70 |
| *Trailers*, *semi-trailers* u vetturi oħra miġbuda (g.v.w taħt 3,500kg.) | 0.70 |
| **KLASSI IIB** | |
| *Taxis* (g.v.w taħt 3,500kg.) | **0.45** |
| Ambulanzi (g.v.w taħt 3,500kg.) | **0.45** |
| Vetturi misjuqa minn *chauffeur* (g.v.w taħt 3,500kg.) | **0.45** |
| Vetturi *self-drive* (g.v.w taħt 3,500kg.) | **0.45** |
| Vetturi oħra ħfief tal-passiġġieri (g.v.w taħt 3,500kg.) | **0.45** |
| **KLASSI III** | |
| Karrozi tal-linja, *coaches*, *buses* privati, *midibuses*, *minibuses* u vannijiet (g.v.w hu 3,500kg. u aktar) | 0.70 |
| Vetturi użati għall-ġarr stradali ta’ merkanzija (g.v.w hu 3,500kg. u aktar) | 0.70 |
| *Trailers*, *semi-trailers* u vetturi oħra li jinġibdu | 0.70 |
| **KLASSIJIET I, IIA, IIB U III** | |
| Il-vetturi kollha użati impurtati | Bħal hawn fuq skond il-kategorija". |

---

*Id-drittijiet jinkludu l-VAT.

**3.** Id-Disa' Skeda tar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (L.S.65.18) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"ID-DISA' SKEDA

(Regolamenti 37 u 51)

Drittijiet tal-liċenza tas-sewqan* u drittijiet amministrattivi

| **Deskrizzjoni** | **Dritt ta' liċenza Lm €** | **Dritt Amministrattiv Lm €** |
|---|---|---|
| Liċenza tas-sewqan bi prova għal perijodu ta' tliet snin | 13.95 | 5.80 |
| Għal kategorija waħda jew aktar li hemm fil-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' ħames snin | 23.25 | 5.80 |
| Għal kategorija waħda jew aktar li hemm fil-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' għaxar snin | 46.55 | 5.80 |
| Ħruġ ta' liċenza tas-sewqan internazzjonali | 23.25 | 5.80 |
| Ħruġ jew tiġdid ta' liċenza tas-sewqan lil persuna b'diżabilità, skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), biex issuq vettura bil-mutur adattata għal dan l-iskop | Xejn | Xejn |
| Ħruġ ta' liċenza tas-sewqan duplikata għal-liċenza tas-sewqan valida mitlufa, misruqa jew imħassra | 11.65 | 5.80 |
| Ħruġ ta' liċenza tas-sewqan duplikata minħabba alterazzjoni/jiet fid-data li hemm fil-karta bir-ritratt tal-liċenza tas-sewqan | Xejn | 5.80 |
| * Id-drittijiet tal-liċenza tas-sewqan li tiġbor l-awtorità kompetenti taħt dawn ir-regolamenti jgħaddu fil-Fond Konsolidat | | |

**4.** L-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (L.S.65.19) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"L-EWWEL SKEDA

(Regolament 7)

PARTI 1

BURDNAR LI JOPERA BĦALA NEGOZJANT WAĦDU / BI SĦUBIJA

RAPPORT TA' L-*ACCOUNTANT*

1. Aħna ħejjejna, mingħajr ma wettaqna verifika, rendikont ta' l-affarijiet fi ................ (data) mir-reġistri tal-kontijiet ta' .........................................., hawn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala "d-ditta", li ghandha l-indirizz kummerċjali fi ................. ................................... u minn informazzjoni u spjegazzjonijiet provduti lilna.

2. Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikont mhux verifikat ta' l-affarijiet, hawn qabel imsemmi u, partikolarment, kull ammont u informazzjoni oħra inklużi f'dak ir-

rendikont ta' l-affarijiet dwar:

i. Fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;

ii. Assi, inkluża proprjetà, disponibbli biex tipprovdi garanziji;

iii. Spejjeż, inklużi spejjeż tax-xiri jew ħlas inizjali ghall-vetturi, postijiet, impjanti u tagħmir; u

iv. Kapital ghall-operazzjoni.

3. Aħna nikkonfermaw illi r-rendikont mhux verifikat ta' l-affarijiet tad-ditta fi ...................... (data) juri Assi Totali nieqsa Debiti Totali ta' Lm ............ fi .................. (data) li, abbażi ta' l-applikazzjoni għall-liċenza għal ........... vetturi (bl-użu ta' rata ta' kambju ta' 1 Euro = 0.4293), €............. jeċċedu €8,385.74 għall-ewwel vettura b'piż awtorizzat massimu li jeċċedi 3.5 tunnellata u €4,658.75 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata ghall-użu skond il-Liċenza ta' Operatur tat-Trasport tal-Passiġġieri tad-ditta.

Ditta ta' *Accountants* .......................................................

Indirizz: ........................................................................................................

Firma ta' l-Awditur/*Accountant*: ............................................

Data: ....................................

i.e. Awditur jew *Accountant* kif imfissra fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*

PARTI 2

BURDNAR LI JOPERA BĦALA KUMPANNIJA B'RESPONSABBILTÀ LIMITATA

RAPPORT TA' L-*ACCOUNTANT*

1) Aħna vverifikajna skond l-livelli tal-veritiki r-rendikonti finanzjarji ta' ........................... minn issa msejħa bħala "l-kumpannija" li għandha uffiċċju registrat fi .......... għaż-żmien/sena li ntemmet fi ................ (data).

2) Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji kien mingħajr kwalifika.

JEW

Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji, li kien ikkwalifikat, kien kif ġej:

3) Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikonti finanzjarji msemmija hawn qabel u, partikolarment, kull ammont u informazzjoni oħra inklużi fi dawk ir-rendikonti finanzjarji , dwar:

i. Fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;

ii. Assi, inkluża proprjetà, disponibbli biex tipprovdi garanziji;

iii. Spejjeż, inklużi spejjez tax-xiri jew ħlas inizjali għal vetturi, postijiet, imppjanti u tagħmir; u

iv. Kapital għall-operazzjoni.

4) Aħna nikkonfermaw illi l-balance sheet verifikata tal-kumpannija fi .................... (data) turi Kapital u Riservi ta' €.......... li, abbażi tal-liċenza għal ............ vetturi (bl-użu ta' rata ta' kambju ta' Euro 1.00 = 0.4293), €.................. jeċċedu €8,385.74 għall-ewwel vettura b'piż awtorizzat massimu li jeċċedi 3.5 tunnellata u €4,658.75 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenza ta' Operatur tat-Trasport tal-Passiġġieri tal-kumpannija

Ditta ta' *Accountants* .......................................................

Indirizz: ......................................................................................................................

Firma ta' l-Awditur/*Accountant*: ...............................................

Data: ....................................

i.e. Awditur jew *Accountant* kif imfissra fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy.*".

**5.** L-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri bil-Vetturi bil-Mutur (L.S.65.20) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"L-EWWEL SKEDA

(Regolament 6)

IL-PARTI I

TRASPORTATUR LI JOPERA BĦALA NEGOZJANT WAĦDU/FI SĦUBIJA

RAPPORT TA' L-*ACCOUNTANT*

1. Aħna ħejjejna, mingħajr ma wettaqna verifika, rendikont ta' l -affarijiet f' ........................ (data) mir-reġistri tal-kontijiet ta' ............................ minn issa msejjaħ bħala "d-ditta", li għandha l-indirizz kummerċjali f'.................................... ....................................... u minn informazzjoni u spjegazzjonijiet provduti lilna.

2. Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikont ta' l-affarijiet mhux ivverifikati, imsemmi fuq u, partikolarment, l-ammonti u informazzjoni oħra inklużi f'dak ir-rendikont ta' l-affarijiet dwar:

i. fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;
ii. assi, inkluża proprjetà, disponibbli biex jipprovdu garanziji;
iii. spejjeż, inklużi spejjeż tax-xiri jew ħlas inizjali għal vetturi, postijiet, impjanti u tagħmir; u
iv. kapital għall-operazzjoni.

3. Aħna nikkonfermaw illi r-rendikont mhux ivverifikat ta' l-affarijiet tad-ditta f'...................... (data) juri Assi Totali nieqsa Debiti Totali ta' €......... f'............... .. (data) li, abbażi ta' l-applikazzjoni għal-liċenzja għal ....... vetturi (bl-użu ta' rata ta' skambju ta' Euros 1.00 = 0.4293), €............ jeċċedu €8,385.74 għall-ewwel vettura u €4,658.75 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenza ta' Operatur tat-Trasport ta' Passiġġieri tad-ditta.

Ditta ta' *Accountants*: ........................................

Indirizz: ......................................................................................................................

Firma ta' l-Awditur/*Accountant*: .........................................

Data: ....................................

i.e. Awditur jew *Accountant* kif definit mill-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy.*

IL-PARTI 2

TRASPORTATUR LI JOPERA BĦALA KUMPANNIJA B'RESPONSABBILTÀ LIMITATA

RAPPORT TA' L-*ACCOUNTANT*

l. Aħna vverifikajna skond l-i*standards* tal-verifiki r-rendikonti finanzjarji ta' ..........................................., minn issa msejħa bħala "l-kumpannija" li għandha uffiċċju rreġistrat f'........................................................................ għat-terminu/sena li ntemmet f'.................................. (data).

2. Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawk ir-rendikonti finanzjarji kien mingħajr kwalifika.

JEW

Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji, li kien ikkwalifikat, kien kif ġej:

3. Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikonti finanzjarji msemmija ħawn fuq u, partikolarment, l-ammonti u informazzjoni oħra inklużi f'dawk ir-rendikonti finanzjarji, dwar:

i. fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;

ii. assi, inkluża proprjetà, disponibbli biex jipprovdu garanziji;

iii. spejjeż, inklużi spejjeż tax-xiri jew ħlas inizjali għal vetturi, postijiet, impjanti u tagħmir; u

iv. kapital għall-operazzjoni.

4. Aħna nikkonfermaw illi l-*balance sheet* verifikata tal-kumpannija f'................ (data) turi Kapital u Riservi ta' **€**.......... .. li, abbażi tal-liċenza għal ......... vetturi (bl-użu ta' rata ta' skambju ta' Euros 1.00 = 0.4293), **€**......... jeċċedu **€**8,385.74 għall-ewwel vettura u **€**4,658.75 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenza ta' Operatur tat-Trasport tal-Passiġġieri tal-kumpannija

Ditta ta' *Accountants* ......................................................

Indirizz: ...........................................................................................................

Firma ta' l-Awditur/*Accountant*: ...................................................

Data: ....................................

i.e. Awditur jew *Accountant* kif definit mill-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.".

**6.** L-Iskeda tar-Regolamenti dwar il-Regolamenti dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Imdina (L.S.65.27) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 4(2))

(Stemma)

Kunsill Lokali Mdina

APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS TEMPORANJU
GĦAL DĦUL BIL-VETTURA FL-IMDINA

*Dettalji ta' l-Applikant*

Data ta' l-Applikazzjoni: ..........................................

Isem u Kunjom: ..........................................................................................

Indirizz: ...........................................................................................................

Nru. tat-Telefon: ................................... Nru. tal-*Mobile*: ..................................

Nru. tal-Karta ta' l-Identità: .........................................

Għaliex se jsir id-dħul fl-Imdina: .......................................................................

...........................................................................................................................

Perjodu li matulu jinħtieġ il-permess:

Minn ..................................................... sa .......................................................

Ħin: Bejn ............................ u .............................................

Firma: ..........................................

-------------------------------------------------------------------------------------------

GĦALL-UŻU TA' L-UFFIĊĊJU

Data meta l-applikazzjoni tasal għand il-Kunsill: .................................................

Dritt ta' **€**2.33 imħallas, Riċevuta Nru: ........... Permess maħruġ: IVA ....... LE .......

Kondizzjonijiet speċjali magħmula mill-Kunsill: ..................................................

.........................................................................................................................

Il-permess hu validu minn: ................................... sa ..........................................

.......................................... .............................................

Firma tas-Sindku Firma tas-Segretarju Eżekuttiv".

**7.** It-Tariffa annessa mar-Regolamenti dwar Drittijiet fil-Bord li jirregola l-Kera (L.S.69.02) għandha tiġi sostitwita bit-Tariffa ġdida li ġejja:

**"TARIFFA**

Drittijiet tar-reġistru li jitħallsu fil-Bord li jirregola il-Kera

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Għall-preżentata ta' kull talba ................................................................ | €34.94 |
| 2 | Għall-preżentata ta' kull risposta ........................................................... | €23.29 |
| 3 | Għall-preżentata ta' kull rikors ta' appell ............................................... | €69.88 |
| 4 | Għall-preżentata ta' risposta għal rikors ta' appell .................................. | €46.59 |

5 Id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' din it-Tariffa jinkludu l-preżentata ta' kull att ieħor tal-proċedura u servizzi oħra (inklużi, iżda mhux limitati għal, il-preżentata ta' mandati għall-eżami ta' xhieda, l-eżami nnifsu, drittijiet għar-reġistrazzjoni, traskrizzjonijiet u kopji, is-servizzi ta' assistenti ġudizzjarji, digrieti u dikjarazzjonijiet qabel id-deċiżjoni finali, taxxi ta' l-ispejjeż u kopji tad-deċiżjoni) li huma meħtieġa wara li tinbeda kawża permezz ta' dak l-att sa u inkluża d-deċiżjoni finali, iżda mhux magħdudin id-drittijiet dovuti għan-notifika ta' l-atti tal-proċedura jew drittijiet li għandhom jitħallsu lil periti jew esperti nominati mill-Bord, jew xi drittijiet li l-Bord jista' jkun meħtieġ li jħallas lil terzi persuni.

6 (1) Ebda dritt ma għandu jitħallas għall-preżentata ta' xi nota ta' ammissjoni ta' talba sakemm it-talba tkun ammessa kompletament u mingħajr kondizzjoni qabel ma ssir xi kontestazzjoni dwarha.

(2) Kull kontro-talba li jkun hemm f'att tal-proċedura titqies bħala talba ġdida, u d-drittjiet msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jitħallsu fuq il-kontro-talba u r-risposta għaliha.

(3) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom ikunu dovuti wkoll mal-preżentata ta' rikors lill-Bord biex wieħed jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet, tweġiba jew att ieħor tal-proċedura ppreżentat bħala risposta għat-talba u maħsub biex jikkontesta, sew totalment sew parzjalment, talba magħmula.

7 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura inklużi l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jkunu dovuti dawn id-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ............................................................. €5.82

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika .. €1.16

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.

(2) Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Bord, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti, għal kull notifika, dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru ............................................................. €46.59

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika .. €6.99

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Bord skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.

8 Għal kull att ieħor tal-proċedura stabbilit fl-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, iżda li ma hemmx provdut dritt dwaru f'din it-Tariffa ........................................................................................ €11.65

Iżda drittijiet għal servizzi li ma hemmx provdut speċifikatament dwarhom f'din it-Tariffa, iżda li hemm provdut dwarhom f'Tariffi oħra li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandhom jiġu intaxxati skond dawk it-Tariffi.

9 Għall-ftuħ tar-reġistru wara l-ħinijiet tax-xogħol tar-reġistru:

(i) dritt tar-reġistru ............................................................. €116.47

(ii) dritt dovut lid-deputat reġistratur li jattendi .................... €46.59

(iii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex tiġi eżegwita n-notifika ......................................................... €34.94

10 (1) Il-Bord jista', meta jagħti d-deċiżjoni tiegħu, jordna li r-rikorrent jew l-konvenut f'kawża jħallas somma addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati li tammonta għal mhux anqas minn €232.94 u mhux iżjed minn €582.34, jekk il-Bord jidhirlu li l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża jew l-att tal-proċedura b'risposta kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn, u f'dak il-każ din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-oħra.

Ma jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni tal-Bord.

(2) Il-Bord jista' wkoll, fis-sentenza tiegħu, jirreferi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja lill-avukat ta' l-attur jew tal-konvenut, jekk il-Bord jidhirlu li l-avukat kien responsabbli, totalment jew parzjalment, għall-att tal-proċedura fieragħ jew vessatorju, jew biex itawwal il-proċeduri.

Ma jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni tal-Bord.

11 (1) Id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu filwaqt tal-preżentata ta' l-att relattiv, u r-Reġistratur ma jaċċettax għall-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv.

(2) L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur ta' l-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali.

(3) Fl-intaxxar tad-drittijiet imniżżla f'din it-Tariffa ma jittieħed ebda qies ta' xi frazzjoni ta' €2.33

12 (1) Ir-Reġistratur għandu jara li taxxa ta' l-ispejjeż tinżamm fl-inkartament ta' kull kawża u għandu jniżżel minnufih fit-taxxa l-ħlasijiet kollha magħmula lir-Reġistratur u l-ħlasijiet kollha dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, u l-partijiet, l-avukati tagħhom u l-prokuraturi legali tagħhom ikollhom dritt għal kopja tat-taxxa f'kull ħin.

(2) Fi żmien xahar mill-għoti tad-deċiżjoni finali, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa finali ta' l-ispejjeż.

**8.** L-Iskeda tar-Regolamenti dwar Tombli għall-Pubbliku (L.S.70.02) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 4)

FORMULA A (*a*) Nru ....

TALBA GĦALL-BILJETTI TAT-TOMBLA
LI JĦALLSU DRITT

Isem fejn issir it-tombla .........................................................

Fejn issir it-tombla u l-jum ............................................

Jinħtieġu biljetti kif ġej:

| Prezz tal-biljett (barra d-dritt) | | Rata tad-dritt | Numru ta' settijiet li jinħtieġu | (*a*) numri tas-serje fuq is-settijiet fornuti | Valur tad-dritt |
|---|---|---|---|---|---|
| Fornuti f'settijiet ta' 2700 biljett | 3ċ<br>6ċ<br>12ċ | 1ċ<br>2ċ<br>3ċ | | | € |
| Fornuti f'settijiet ta' 2700 biljett | 12ċ | 4ċ għal kull 12ċ jew sehem minn 12ċ | | | |
| | | | | Total | |

(*a*) Dan jitniżżel mill-Uffiċċju tal-Lottu Pubbliku

Firma ...................................................

Lid-Direttur tal-Lottu Pubbliku

Beltissebħ

FORMULA B (*a*) Nru ....

(Regolament 5)

TALBA GĦAL FLUS LURA TAL-BILJETTI TAT-TOMBLA MHUX MIBJUGĦIN

Isem il-każin, xirka jew għaqda ................................

Post u jum .....................................

Lid-Direttur tal-Lottu Pubbliku
Beltissebħ

Bolla ta' 6ċ

Nitlob li nieħu l-flus lura tal-biljetti mhux mibjugħin, li xtrajt fi ........................... għax m'għandix bżonnhom għalissa, jiġifieri:

| Prezz tal-biljett (barra d-dritt) | Rata tad-dritt | Numru tal-biljetti Minn | Sa | Valur tad-dritt | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3ċ | 1ċ | | | € | | |
| 6ċ | 2ċ | | | | | |
| 12ċ | 3ċ | | | | | |
| Iżjed minn 12ċ | 4ċ għal kull 12ċ jew parti minn 12ċ | | | | | |
| | | | Total | | | |

(*a*) Dan jitniżżel mill-Uffiċċju tal-Lottu Pubbliku

Firma ...................................................

Lid-Direttur tal-Lottu Pubbliku

FORMULA Ċ (*a*) Nru (+)

(Regolament 7)

TALBA GĦAL REĠISTRAZZJONI TA' TOMBLI
BIL-BILJETTI TAL-GVERN

Din l-applikazzjoni għandu jkollha
magħha bolla ta' 12ċ
għall-permess

Post u data

Lid-Direttur tal-Lottu Pubbliku
Beltissebħ

Bolla ta' 6ċ

Sabiex nosserva dak li jgħid l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, jiena hawn nitlob illi t-tombli li tagħhom ser nagħti hawn taħt tagħrif, jiġu reġistrati, u illi jingħatali permess sabiex inkun nista' nagħmel dawn it-tombli skond il-liġi hawn fuq imsemmija u r-regolamenti li saru bis-saħħa tagħha.

TAGĦRIF DWAR IT-TOMBLI

1. Isem il-każin, xirka jew għaqda

2. Indirizz
3. Fejn issir it-tombla
   i. Isem
   ii. Fejn jinsab il-post
4. Kemm bi ħsiebhom isiru tombli kull jum

prezz ___ 2ċ ___ 6ċ ___ 12ċ ___ ’il fuq minn 12ċ

5. Meta bi ħsiebhom isiru t-tombli

Jum jew jiem tal-ġimgħa

Ħin

Xahar Firma

(+) Dan jitniżżel mill-Uffiċċju tal-Lottu Pubbliku".

**9.** L-Iskeda tar-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku (L.S.70.03) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 4)

**Biljetti b’Tqabbil Speċjali**

| Tqabbil Milgħub | Għeniebi Milgħuba | Kemm jiswew il-ġugati | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 23ċ | 58ċ | €1.16 | €2.33 |
| 3 numri | 3 | 70ċ | €1.75 | €3.49 | €6.99 |
| 4 numri | 6 | €1.40 | €3.49 | €6.99 | €13.98 |
| 5 numri | 10 | €2.33 | €5.82 | €11.65 | €23.29 |
| 6 numri | 15 | €3.49 | €8.74 | €17.47 | €34.94 |
| 7 numri | 21 | €4.89 | €12.23 | €24.46 | €48.92 |
| 8 numri | 28 | €6.52 | €16.31 | €32.61 | €65.22 |
| 9 numri | 36 | €8.39 | €20.96 | €41.93 | €83.86 |
| 10 numri | 45 | €10.48 | €26.21 | €52.41 | €104.82 |

**Ternijiet “*Straight*"**

| Tqabbil Milgħub | Għeniebi Milgħuba | Kemm jiswew il-ġugati | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 23ċ | 58ċ | €1.16 | €2.33 |
| 4 numri | 4 | €0.93 | €2.33 | €4.66 | €9.32 |
| 5 numri | 10 | €2.33 | €5.82 | €11.65 | €23.29 |
| 6 numri | 20 | €4.66 | €11.65 | €23.29 | €46.59 |
| 7 numri | 35 | €8.15 | €20.38 | €40.76 | €81.53 |
| 8 numri | 56 | €13.04 | €32.61 | €65.22 | €130.44 |
| 9 numri | 84 | €19.57 | €48.92 | €97.83 | €195.67 |
| 10 numri | 120 | €27.95 | €69.88 | €139.76 | €279.52 |

**Kwaterni**

| Tqabbil Milgħub | Għeniebi Milgħuba | Kemm jiswew il-ġugati | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 23ċ | 58ċ | 1.16 | €2.33 |
| 5 numri | 5 | €1.16 | €2.91 | €5.82 | €11.65 |
| 6 numri | 15 | €3.49 | €8.74 | €17.47 | €34.94 |
| 7 numri | 35 | €8.15 | €20.38 | €40.76 | €81.53 |
| 8 numri | 70 | €16.31 | €17.47 | €81.53 | €163.06 |
| 9 numri | 126 | €29.35 | €73.38 | €146.75 | €293.50 |
| 10 numri | 210 | €48.92 | €122.29 | €244.58 | €489.17" |

**10.** It-Tariffa annessa mar-Regoli dwar il-Proċeduri tal-Bord ta' l-Arbitraġġ (L.S.88.01) għandha tiġi sostitwita bit-Tariffa ġdida li ġejja:

**"TARIFFA**

**Drittijiet tar-reġistru li jitħallsu fil-Bord ta' l-Arbitraġġ**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Għall-preżentata ta' kull talba | €34.94 |
| 2 | Għall-preżentata ta' kull risposta | €23.29 |
| 3 | Għall-preżentata ta' kull rikors ta' appell | €69.88 |
| 4 | Għall-preżentata ta' risposta għal rikors ta' appell | €46.59 |

5 Id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' din it-Tariffa jinkludu l-preżentata ta' kull att ieħor tal-proċedura u servizzi oħra (inklużi, iżda mhux limitati għal, il-preżentata ta' mandati għall-eżami ta' xhieda, l-eżami nnifsu, drittijiet għar-reġistrazzjoni, traskrizzjonijiet u kopji, is-servizzi ta' assistenti ġudizzjarji, digrieti u dikjarazzjonijiet qabel id-deċiżjoni finali, taxxi ta' l-ispejjeż u kopji tad-deċiżjoni) li huma meħtieġa wara li tinbeda kawża permezz ta' dak l-att sa u inkluża d-deċiżjoni finali, iżda mhux magħdudin id-drittijiet dovuti għan-notifika ta' l-atti tal-proċedura jew drittijiet li għandhom jitħallsu lil periti jew esperti nominati mill-Bord, jew xi drittijiet li l-Bord jista' jkun meħtieġ li jħallas lil terzi persuni.

6 (1) Ebda dritt ma għandu jitħallas għall-preżentata ta' xi nota ta' ammissjoni ta' talba sakemm it-talba tkun ammessa kompletament u mingħajr kondizzjoni qabel ma ssir xi kontestazzjoni dwarha.

(2) Kull kontro-talba li jkun hemm f'att tal-proċedura titqies bħala talba ġdida, u d-drittjiet msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jitħallsu fuq il-kontro-talba u r-risposta għaliha.

(3) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ikunu wkoll dovuti mal-preżentata ta' rikors lill-Bord biex wieħed jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet, tweġiba jew att ieħor tal-proċedura ppreżentat bħala risposta għat-talba u maħsub biex jikkontesta, sew totalment sew parzjalment, talba magħmula.

7 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura inklużi l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jkunu dovuti dawn id-drittijiet li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | dritt tar-reġistru | €5.82 |
| (ii) | dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika | €1.16 |

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.

(2) Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Bord, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti, għal kull notifika, dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru .............................................................. €46.59

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika .. €6.99

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Bord skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.

8 Għal kull att ieħor tal-proċedura stabbilit fl-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi,, iżda li ma hemmx provdut dritt dwaru f'din it-Tariffa .......................................................................................... €11.65

Iżda drittijiet għal servizzi li ma hemmx provdut speċifikatament dwarhom f'din it-Tariffa, iżda li hemm provdut dwarhom f'Tariffi oħra li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandhom jiġu intaxxati skond dawk it-Tariffi.

9 Għall-ftuħ tar-reġistru wara l-ħinijiet tax-xogħol tar-reġistru:

(i) dritt tar-reġistru .............................................................. €116.47

(ii) dritt dovut lid-deputat reġistratur li jattendi ..................... €46.59

(iii) dritt dovut lil kull uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex tiġi eżegwita n-notifika ........................................................ €34.94

10 (1) Il-Bord jista', meta jagħti d-deċiżjoni tiegħu, jordna li l-attur jew l-konvenut f'kawża jħallas somma addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati li tammonta għal mhux anqas minn €232.94 u mhux iżjed minn €582.34, jekk il-Bord jidhirlu li l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża jew l-att tal-proċedura b'risposta kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn, u f'dak il-każ din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-oħra.

Ma jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni tal-Bord.

(2) Il-Bord jista' wkoll, fis-sentenza tiegħu, jirreferi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja lill-avukat ta' l-attur jew tal-konvenut, jekk il-Bord jidhirlu li l-avukat kien responsabbli, totalment jew parzjalment, għall-att tal-proċedura fieragħ jew vessatorju, jew biex itawwal il-proċeduri.

Ma jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni tal-Bord.

11 (1) Id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu filwaqt tal-preżentata ta' l-att relattiv, u r-Reġistratur ma jaċċettax għall-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv.

(2) L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur ta' l-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali.

(3) Fl-intaxxar tad-drittijiet imniżżla f'din it-Tariffa ma jittieħed ebda qies ta' xi frazzjoni ta' €2.33.

12 (1) Ir-Reġistratur għandu jara li taxxa ta' l-ispejjeż tinżamm fl-inkartament ta' kull kawża u għandu jniżżel minnufih fit-taxxa l-ħlasijiet kollha magħmula lir-Reġistratur u l-ħlasijiet kollha dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, u l-partijiet, l-avukati tagħhom u l-prokuraturi legali tagħhom ikollhom dritt għal kopja tat-taxxa f'kull ħin.

(2) Fi żmien xahar mill-għoti tad-deċiżjoni finali, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa finali ta' l-ispejjeż.".

**11.** L-Iskeda tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Kopji ta' Manoskritti (L.S.92.07) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 2)

| | *Dritt* |
|---|---|
| 1. Għal kopji jew estratti minn, dokumenti miżmuma f'xi bibljoteka li għaliha tapplika l-Ordinanza dwar il-Bibljoteki Pubbliċi, għal kull 100 kelma jew parti minnhom: | 35ċ |
| Iżda, meta dik il-kopja jew estratt jirreferi għal dokumenti ta' qabel l-1650, il-Bibljotekarju jista' jiġbor dak id-dritt li jidhirlu xieraq, liema dritt ma għandu f'ebda każ ikun iżjed minn lira għal kull 100 kelma jew parti minnhom. | |
| 2. Għall-awtentikazzjoni mill-Bibljotekarju ta' kull kopja jew estratt | 82ċ". |